# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors numru 130/13/2 AL**

**Victor Buttigieg**

**v.**

1. **Direttur tar-Reġistru Pubbliku;**
2. **George Fenech;**
3. **Carmen Fenech;**
4. **Emanuel Fenech;**
5. **Raymond Fenech;**
6. **Anthony Fenech;**
7. **Moira Fenech;**
8. **Angela Attard Fenech;**
9. **Karl Fenech;**
10. **u permezz ta' digriet datat 28 ta' Ottubru 2013 Raymond Fenech ġie kkonfermat kuratur sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet Tumas Fenech;**
11. **u permezz ta' digriet datat 3 ta' Ġunju 2014 ġiet kjamata in kawża Anne Fenech mart id-defunt Angelo Fenech, u Guza Fenech mart id-defunt Tumas Fenech;**
12. **u permezz ta' digriet datat 16 ta' Novembru 2020 l-atti ġew leġittimati f'isem**

**Patricia Fenech, Yorgen Fenech u Franco Fenech sabiex jassumu l-atti u jirrappreżentaw id-defunt George Fenech**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fit-28 ta' Ġunju, 2013, li jaqra hekk:

"1. Illi minn relazzjoni intima li omm ir-rikorrenti kellha mad-defunt Tumas Fenech twieled l-esponenti rikorrenti;

2. Illi peress li r-rikorrenti twieled waqt li ommu kienet legalment miżżewġa, fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti ġie indikat r-raġel ta' omm l-esponenti u mhux il-missier propju ossia l-mejjet Tumas Fenech;

3. Illi għalhekk waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni tal-kawża ser jirriżulta li l-missier naturali u bijoloġiku tar-rikorrenti huwa l-imsemmi defunt Tumas Fenech;

4. Illi l-intimati jiġu ulied l-mejjet Tumas Fenech u ġew inklużi fil-kawża għal kull interess li jista' jkollhom, filwaqt li l-intimati Angela Attard Fenech u karl Fenech huma s-sostituti fil-wirt tad-defunt missierhom Angelo Fenech;

5. Illi r-rikorrenti għandu interess li huwa ġie reġistrat bħala l-wild naturali ta' Tumas Fenech u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri:-

Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma' għandhiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Qorti tħoss li għandha tagħti fiċ-ċirkostanzi tordna li l-kadavru tal-konvenut defunt Tumas Fenech jiġi eżumat sabiex isiru t-testijiet xjentifiki li għandhom isiru sabiex jiġi redatt *Paternity Test Report*;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti huwa l-wild naturali u bijoloġiku ta' Tumas Fenech;

3. Tiddikjara li Tumas Fenech huwa għal finijiet u effetti kollha tal-liġi l-missier naturali tar-rikorrenti;

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-Att tat-Twelid bin-numru

ta' iskrizzjoni 4740 inkluż billi fl-istess att jitneħħew il-kliem Anthony Buttigieg fil-kolonna ta' isem il-missier tat-tarbija u minflok jidħlu l-kliem 'Tumas Fenech';

5. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jippublika l-att tat-twelid ieħor hekk kif korrett;

Bl-ispejjeż u b'hekk il-konvenuti nġunti għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku li in forza tagħha eċċepixxa:

"Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet konċernati sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-permess f'każ li jintlaqaw it-talbiet attriċi l-esponent jinvita lill-eredi tal-mejjet Tumas Fenech sabiex permezz ta' nota jispeċifikaw d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita`, (3) l-eta` tiegħu meta twieled l-attur, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-attur, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier pattern kienx għadu ħaj meta twieled ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmi Victor Buttigieg;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni".

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti l-oħra li in forza tagħha eċċepew:

"1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit in-nuqqas ta' integrita` ta' ġudizzju u dan stante illi l-eredi ta' Angelo Fenech, wieħed mill-eredi tal-mejjet Tumas Fenech, m'hijiex imdaħħla fil-kawża u dan għal kull interess li jista' jkollha;

2. Illi wkoll in linja preliminari, l-esponenti jeċċepixxu illi l-azzjoni odjerna hija improponibbli ai termini tal-liġi u għalhekk nulla, stante illi l-allegat missier naturali huwa mejjet u l-presenza tiegħu fit-tip ta' azzjonijiet ta' filjazzjoni bħal dik odjerna hija essenzjali u meħtieġa għall-validita` tal-istess. Illi fil-fatt il-liġi ma tinkludix l-azzjoni odjerna bħala waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet speċifiċi provduti fil-liġi meta azzjonijiet ta' filjazzjoni jistgħu jiġu tentatti kontra l-eredi ta' partijiet li huma neċessarji għal validita` ta' tali azzjonijiet u li jiġu nieqsa qabel u / jew matul l-intavolar ta' l-istess;
*Ubi lex voluit, dixit; ubi moluit, tacuit*;

3. Illi wkoll in linja preliminari u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedent l-azzjoni odjerna hija improponibbli u dan kif dispost mill-Artikolu 81 (1) li bl-aktar mod ċar jindika illi **ħadd** ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' l-ewwel talba attriċi, l-esponenti qegħdin joġġezzjonaw bil-qawwa għall-eżumazzjoni tal-kadavru tad-defunt Tumas Fenech u/jew li jsiru testijiet xjentifiċi fuq l-istess;

5. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-mejjet Tumas Fenech m'huwiex il-missier naturali tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;

6. Salv eċċezzjonijiet oħra

Bl-ispejjeż".

4. Rat illi b'digriet tat-3 ta' Ġunju, 2014, ġew kjamati fil-kawża Anne Fenech u Guza Fenech.

5. Rat illi fl-udjenza quddiem l-ewwel Qorti tat-8 ta' Ġunju, 2021, l-imsemmija Anne Fenech iddikjarat li qed taderixxi ruħha mal-atti kollha nkluż ir-risposta tal-konvenuti Fenech tat-30 ta' Diċembru, 2020, fejn oġġezzjonaw fuq erba' binarji.

6. Rat illi b'digriet tal-5 ta' April, 2016, ġie revokat *contrario imperio* dik il-parti tad-digriet tat-3 ta' Ġunju, 2014 li permess tiegħu l-Qorti kjamat in kawża lil Guza *sive* Josephine Fenech.

7. Rat il-provvediment li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ġunju, 2021 li in forza tagħha ordnat is-segwenti:

> "i. Tilqa' t-talba tal-attur fis-sens illi tordna l-ezumazzjoni tal-ġisem ta' Tumas Fenech bl-intiża li jittieħed minn fuqu kampjun ġenetiku;
>
> ii. Tinnomina lil Dr. Mario Scerri bħala espert forensiku sabiex jissorvelja u jidderiġi l-eżumazzjoni in kwistjoni, kif ukoll għandu jkollu l-inkarigu illi skont il-protokol neċessarju jieħu l-fdalijiet eżumati fil-kamra mortwarja tal-Isptar Mater Dei;
>
> iii. Tinnomina lil Dr. Marisa Cassar, bħala espert sabiex teżamina l-fdalijiet eżumati u televa kampjun ġenetiku minn fuq l-imsemmija fdalijiet tal-mejjet Tumas Fenech, u kif ukoll televa kampjun ġenetiku minn fuq Victor Buttigieg, sabiex konsegwentament tagħmel it-testijiet neċessarji u kif ukoll tirreleta dwar ir-riżultanzi b'komparazzjoni mad-DNA tal-imsemmi Victor Buttigieg, filwaqt illi l-istess espert qed jiġi awtorizzata sabiex tagħmel kull osservazzjoni relevanti u opportuna fiċ-ċirkostanzi;
>
> iv. Tawtorizza lill-partijiet jew nies inkarigati minnhom sabiex ikunu preżenti bħala osservaturi biss waqt l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tal-mejjet Tumas Fenech;
>
> v. Tordna li l-ordni tal-eżumazzjoni li għandha ssir mill-esperti surreferiti tiġi komunikata lill-awtoritajiet kompetenti u ċjoe' lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa;
>
> vi. Tordna li dan id-digriet għandu japplika ukoll fil-konfront tar-rikors tal-attur tad-9 ta' Lulju 2015".

8. Dik il-Qorti tat din id-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Għal kull buon fini, il-Qorti ser tgħaddi sabiex telenka l-kronoloġija tal-fatti.

Fid-dawl tal-ewwel rikors għall-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu, l-attur talab lill-Qorti tordna lill-konvenuti jindikaw fejn jinsab midfun il-mejjet Tumas Fenech u konsegwentament tordna li jittiehed kampjun minn fuq l-istess defunt sabiex jkun jista' jsir it-test ta' paternita'.[1] Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrimetta ruħu għal tali talba,[2] izda l-konvenuti Fenech oġġezzjonaw minħabba: (i) li kienu għadhom ma bdewx jinġabru l-provi li jistabbilixxu ness bejn l-attur u d-defunt, (ii) il-kwistjoni tal-pussess ta' stat tal-attur, u (iii) il-possibilita' ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-konvenuti Fenech u tal-mejjet.[3] Permezz ta' digriet datat 4 ta' Awwissu 2014, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur għall-ezumazzjoni u t-tehid tal-kampjun, filwaqt li rrizervat illi tikkonsidra talba simili *"wara li l-attur jaghlaq il-provi tiegħu"* in vista tal-fatt li *"sallum l-attur ma ressaq l-ebda provi, lanqas l-affidavit tieghu".* Il-Qorti kienet tal-fehma illi *"f'kawza tax-xorta bħal dik odjerna, l-attur ghandu l-oneru li l-ewwel iressaq provi li joholqu ness bejn l-allegat missier u l-allegat wild, imbagħad tigi konsidrata talba ghall-prelevament forzat ta' kampjun ghall-finijiet tad-DNA"*.[4]

In vista tad-digriet tal-Qorti, l-attur beda jressaq il-provi tiegħu, fosthom: (i) l-affidavit tiegħu, debitament maħluf quddiem in-Nutar Jean Pierre Attard nhar is-26 ta' Awwissu 2014,[5] (ii) nhar is-16 ta' Ottubru 2014 ressaq ix-xhieda tal-gwardjan tal-ħabs, Philip Galea, fejn il-kontro-ezami ġie riservat,[6] (iii) nhar is-16 ta' Ottubru 2014 ressaq ix-xhieda ta' ħuħ stess, ossija Mario Buttigieg fejn il-kontro-ezami ġie riservat,[7] (iv) l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar, debitament maħluf nhar is-16 ta' Ottubru 2014, fejn tiddikjara illi l-aħwa Mario u Victor Buttigieg ma għandhomx l-istess missier naturali.[8]

Wara li ressaq il-provi surreferiti, nhar it-18 ta' Frar 2015, l-attur ressaq mill-ġdid it-talba tiegħu għall-ħatra ta' espert sabiex jeleva kampjun tad-DNA minn fuq id-defunt u minn fuq l-attur, ħalli b'hekk issir il-kjarifika parentali.[9] Għat-tieni darba, il-konvenuti Fenech oġġezzjonaw għal tali talba, fejn saħqu illi: (i) l-attur għadu ma għalaqx il-provi u fi kwalunkwe kaz kien għadu ma ressaqx prova suffiċċjenti li tistabbilixxi ness bejnu u l-mejjet, (ii) li l-Qorti wara li tisma' l-provi tal-attur għandha ukoll tisma' l-provi tagħhom, (iii) il-kwistjoni tal-pussess ta' stat tal-attur għadha ma ġietx ppruvata u fi kwalunkwe kaz tali kwistjoni kellha tiġi deċiza qabel il-kwistjoni tat-test ġenetiku, u (iv) l-ezumazzjoni u t-tehid ta' kampjun

[1] Fol. 104.
[2] Fol. 114.
[3] Fol. 115.
[4] Fol. 118.
[5] Fol. 123.
[6] Fol. 139.
[7] Fol. 143.
[8] Fol. 135.
[9] Fol. 171.

mill-fdalijiet tal-mejjet tista' tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom u kif ukoll tal-mejjet.[10] Konsegwentament, mill-atti jirrizulta illi nhar it-18 ta' Frar 2015 tali talba ġiet iritirata b'rizerva li jkun jista' jressaq talba simili fi stadju ulterjuri,[11] u b'hekk il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.[12]

Fid-dawl tal-premess, l-attur baqa' jressaq il-provi tiegħu, tant li fl-udjenza tal-4 ta' Ġunju 2015 ġie maħtur Dr Keith Borg sabiex fix-xahar ta' Lulju 2015 jisma' ix-xhieda ta' Josephine Fenech, ossia mart il-mejjet Tumas Fenech, fid-dar residenzjali tagħha in vista li ġie ddikjarat li saħħitha ma kienetx tippermettilha li tmur il-Qorti.[13] Barra minn hekk, jirrizulta ukoll li fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2015, l-inkarigu ta' Dr Keith Borg ġie estiz sabiex jisma' ukoll ix-xhieda tal-aħwa Fenech, jew min minnhom, mresqa mill-attur.[14] Madanakollu, il-konvenuti Fenech, nhar it-2 ta' Lulju 2015, talbu lil Qorti sabiex tiddikjara illi x-xhud Josephine Fenech m'hijiex xhud kompetenti ai termini tal-Artikolu 563 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-4 ta' Ġunju 2015 sabiex tinstema' x-xhieda ta' Josephine Fenech minn Dr Keith Borg.[15] Wara li l-Qorti rat l-oġġezzjoni tal-attur għal tali talba,[16] u kif ukoll semgħat ix-xhieda ta' Dr Peter Ferry,[17] permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar 2016, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuti u *"kkonsidrat illi bhala prekawzjoni x-xhud ghandha taghti t-testimonjanza taghha fil-presenza ta' tabib mediku u bl-mezz tal-video conferencing"*.[18] Konsegwentament, fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2016 il-Qorti ddikjarat *"illi se tieħu decizjoni dwra il-htiega o meno li tisma' t-testimonjanza ta' Josephine Fenech fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex isir it-test tad-DNA wara li jkunu xehdu x-xhieda mresqa mill-attur"*.[19]

Sakemm ġiet deċiża l-kwistjoni tax-xhieda *o meno* ta' mart il-mejjet, nhar id-9 ta' Lulju 2015, l-attur ipprezenta għat-tielet darba rikors ieħor fejn talab lill-Qorti tordna: (i) lil konvenuti Fenech jindikaw fejn jinsab midfun il-mejjet Tumas Fenech, (ii) l-ezumazzjoni tal-mejjet, (iii) taħtar espert sabiex jissorvelja l-ezumazzjoni u l-elevazzjoni tal-kampjun neċessarju, u (iv) taħtar espert mediku sabiex jeleva kampjun minn fuq id-defunt u minn fuq l-attur sabiex isir it-test ġentiku sabiex tiġi stabbilita l-paternita'.[20] Il-konvenuti Fenech oġġezzjonaw għat-talbiet kif dedotti fejn zammew bi sħiħ mas-sottomissjonijiet li saru minnhom f'risposti preċedenti f'dan ir-rigward.[21] Permezz ta' digriet datat 26 ta' Awwissu 2015, il-Qorti kkonsidrat illi għandha tordna t-test xjentifiku wara li jiġi

[10] Fol. 174.
[11] Fol. 178.
[12] Fol. 179.
[13] Fol. 187.
[14] Fol. 188.
[15] Fol. 201.
[16] Fol. 204.
[17] Fol. 189.
[18] Fol. 209.
[19] Fol. 210.
[20] Fuq wara tat-tieni (2) volum tal-proċess odjern.
[21] *Ibid.*

ppruvat sodisfaċentament il-probabilita' ta' relazzjoni intima bejn omm l-attur u d-decujus, b'hekk irrizervat li tipprovdi wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu fir-rigward.[22] Għaldaqstant dan ir-rikors għadu pendenti.

Wara d-digriet tal-Qorti rigward ix-xhieda *o meno* ta' Josephine Fenech, l-attur pprosegwa bix-xhieda tiqgħu quddiem Dr Keith Borg, fejn ressaq: (i) ix-xhieda ta' Raymond Fenech nhar it-3 ta' Frar 2016,[23] nhar id-19 ta' Frar 2016,[24] u nhar il-11 ta' April 2016,[25] (ii) ix-xhieda ta' Carmen Fenech nhar id-9 ta' Mejju 2016,[26] u nhar is-27 ta Settembru 2016,[27] u (iii) ix-xhieda ta' Anthony Fenech nhar tat-23 ta' April 2018, fejn il-kontro-ezami ta' kull xhud ġie riservat.[28] Konsegwentament, fl-udjenza ta' nhar id-9 ta' Novembru 2017, l-attur iddikjara illi *"hlief ghax-xhieda tal-konvenut Anthony Fenech u Josephine Fenech ma ghandux provi aktar dwar it-talba ghall-ezumazzjoni tal-fdalijiet tad-defunt Tumas Fenech"*.[29] Fl-istess udjenza, il-Qorti ddikjarat ukoll illi *"tirriserva li tipprovdi ulterjorament dwar it-talba tal-konvenut sabiex tixhed Josephine Fenech wara illi sew l-attur kif ukoll il-konvenuti jkunu għalqu l-provi taghhom dwar it-talba fuq imsemmija"*.[30]

Wara li nstemgħu x-xhieda ta' Raymond Fenech u Carmen Fenech, u ċjoe' waqt li kien għadu qiegħed iressaq il-provi tiegħu, l-attur intavola talba oħra rigward il-kjarifika parentali, fejn nhar is-27 ta' Ġunju 2016 talab lill-Qorti sabiex *"jgħoġobha tidderiġi lill-konvenuti kollha, eċċetto l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex, fi zmien mogħti lilhom għal dan il-għan jiddikjaraw bil-mezz ta' nota jekk humiex disposti illi jissottomettu ruħhom għal test xjentifiku tad-DNA ma' l-esponenti u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni"*.[31] Nhar l-1 ta' Lulju 2016, il-Qorti ordnat lill-attur sabiex permezz ta' nota jindika l-artikolu tal-liġi li bis-saħħa tiegħu l-Qorti għandha l-poter tagħmel dak minnha mitlub,[32] liema digriet ġie injorat u b'hekk baqa' mhux deċiz.

Wara li l-attur ressaq ix-xhud Anthony Fenech, nhar il-25 ta' Ġunju 2019 l-attur ipprezenta rikors ieħor fejn talab lill-Qorti jinħatar espert ġenetiku sabiex issir kemm l-ezumazzjoni tal-mejjet u t-test tad-DNA bejnu u l-mejjet, kif ukoll it-test tad-DNA bejnu u l-aħwa Fenech.[33] Għal tali talba, il-konvenuti Fenech wieġbu permezz ta' risposta datata 7 ta' Awwissu 2019,[34] fejn oġġezzjonaw u qasmu r-risposta tagħhom fi tnejn: (i) l-

[22] *Ibid.*
[23] Fol. 264.
[24] Fol. 266.
[25] Fol. 271.
[26] Fol. 273.
[27] Fol. 279.
[28] Fol. 286.
[29] *Ibid.*
[30] Fol. 248.
[31] Fuq wara tat-tieni (2) volum tal-proċess odjern.
[32] *Ibid.*
[33] Fol. 296.
[34] Fol. 301.

ezumazzjoni tal-mejjet, u (ii) it-tehid tal-kampjuni mill-konvenuti Fenech. Fir-rigward tal-ezumazzjoni, il-konvenuti saħqu illi: (i) din it-talba hija improponibbli stante li l-attur għadu ma għalaqx il-provi tiegħu u l-konvenuti ma bdewx iresqu l-provi tagħhom, filwaqt li l-attur ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkonstata ness bejnu u d-defunt, u kif ukoll il-probabilita' ta' relazzjoni intima bejn ommu u l-mejjet, u (ii) l-attur ma għandu l-ebda dritt asssolut li jkun jaf l-oriġini tiegħu, hekk kif jiġi allegat li l-attur ma kellu l-ebda problema li jizviluppa l-identita' tiegħu u qabel l-intavolar tal-kawza qatt ma wera interess ġenwin li jistabbilixxi li l-attur huwa opportunist. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tat-tehid tal-kampjuni minn fuq il-konvenuti, dawn saħqu ukoll illi: (i) l-kapaċta' tagħhom fil-kawza odjerna hija ta' eredi, *ergo* kuraturi *ad litem* fl-assenza tal-mejjet u b'hekk ma għandhomx jerfgħu responsabbilita' li tista' tinkombi fuq il-mejjet, (ii) b'applikazzjoni tal-massima legali *ubi lex voluit dixit; ubi moulit tacuit*, l-Qorti ma għandha l-ebda setgħa li tordna li jsir test ġenetiku fuq id-dixxendenti tal-mejjet, u (iii) jekk il-Qorti tordna li jsir test ġenetiku fuq il-konvenuti, tali ordni taf tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom. Fid-dawl tar-risposta in kwistjoni, l-attur ipprezenta nota fejn elenka u spjega numru ta' ġurisprudenza, kemm nostrana u kif ukoll barranija, u dan bl-intiza li jsaħħaħ it-talba tiegħu.[35] Permezz ta' digriet datat datat 15 ta' Ottubru 2019, il-Qorti spjegat illi *"f'kawzi ta' din ix-xorta, huwa l-obbligu prinċipali tar-rikrorrent li jressaq il-provi kollha sabiex jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti in-ness bejn l-allegat missier u l-allegat wild. Illi jkun biss sussegwentement għal provi ċari u attendibbli, li l-Qorti tista' tipproċedi biex tipprovdi għal talba ta' prelevament forzat għal kampjun tad-DNA"* u b'hekk iddeċediet illi *"tiċħad it-talba, u tirriserva li terġa' tikkonsidra talba simili, wara l-għeluq tal-provi kollha tal-partijiet"*.[36]

Fid-dawl tad-digriet surreferit, l-attur ipprezenta rikors nhar it-22 ta' Ottubru 2019, fejn umilment talba lill-Qorti l-permess speċjali sabiex jappella mid-digriet mogħti nhar il-15 ta' Ottubru 2019,[37] liema talba ġiet opposta mill-konvenuti Fenech permezz tar-risposta tagħhom tal-20 ta' Novembru 2019,[38] izda l-Qorti laqgħat tali talba permezz ta' digriet datat 21 ta' Novembru 2019.[39] Nonostante tali permess, ma jidhirx li l-appell ġie pprezentat.

Konsegwentament, l-attur Victor Buttigieg ipprezenta rikors nhar il-20 ta' Mejju 2020, fejn talab lill-Qorti sabiex tordna *"illi jsir id-DNA tal-aħwa Fenech, cioe l-konvenuti odjerni Raymond Fenech, Emanuel Fenech, Anthony Fenech, Carmen Fenech u Moira Fenech, u ghalhekk ghandu jitqabbad espert tekniku ghal dan il-ghan u jinghata il-fakoltajiet kollha moghtija lilu bil-ligi sabiex jezegwixxu l-inkarigu tieghu, f'jum, hin u lok stabbilit minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, flimkien mad-DNA test tal-*

[35] Fol. 309.
[36] Fol. 312.
[37] Fol. 322.
[38] Fol. 324.
[39] Fol. 327.

*imsemmi esponenti Victor Buttigieg"*.[40] Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb permezz ta' risposta datata 19 ta' Awwissu 2020,[41] fejn irrileva li m'għandu ebda oġġezzjoni għal tali talba, filwaqt li l-konvenuti Fenech wieġbu permezz ta' risposta datata 25 ta' Awwissu 2020,[42] fejn oġġezzjonaw għal tali talba. Permezz ta' digriet datat l-1 ta' Settembru 2020, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur.[43]

Nhar l-24 ta' Novembru 2020 xehdet Dr Marisa Cassar, matul liema xhieda ezebiet rapport ġenetiku li jikkonkludi illi *"the data indicates that Joseph Buttigieg, Amabile Buttigieg, Roseanne Caruana and Mario Buttigieg have the same biological father. Victor Buttigieg has a different biological father"*.[44]

**Ikkunsidrat:**

Is-sitwazzjoni li tinsab rinfaċċjata biha l-Qorti hija waħda kemmxejn differenti mis-soltu, hekk kif l-allegat missier tal-attur ilu mejjet sa mit-2 ta' Frar 1999, ċjoe` ferm qabel ma ġiet ipprezentata l-azzjoni odjerna. Fid-dawl ta' dan, l-azzjoni tal-attur ġiet ipprezentata, *inter alia*, kontra l-eredi tad-defunt u kif ukoll kontra l-kuratur deputat maħtur għall-interessi tal-mejjet.

Il-kwistjoni tal-kjarifika tal-parentela naturali tal-attur ilha tiġi sollevata mill-attur sa mill-bidu tal-azzjoni, hekk kif fil-mori tal-kawza ġew ipprezentati sitt (6) rikorsi oħra, bl-intiza li l-Qorti tordna l-ezumazzjoni tal-allegat missier u kif ukoll it-tehid tal-kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu, u/jew it-tehid tal-kampjun ġenetiku mill-qraba tal-mejjet, senjatament ulied il-mejjet li jinsabu parti mill-kawza bħala l-eredi tiegħu. Tali kampjuni ġenetiċi huma neċessarji sabiex konsegwentament jiġu mqabbla ma' dak tal-attur u konsegwentament jinħareġ rizultat xjentifiku dwar il-paternita' naturali tal-attur. Għalkemm l-attur jirribadixxi konsistentament illi għandu dritt jitlob tali kjarifika, min-naħa l-oħra l-konvenuti Fenech joġġezzjonaw bil-qawwa u dan għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq f'dan id-digriet. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bħala konvenut bi rwol passiv, b'mod konċiz dejjem jirrimetti ruħu għat-talba rigward it-testijiet xjentifiċi. Finalment, il-Qorti dejjem ċaħdet it-talbiet tal-attur.[45]

---

[40] Fol. 335.
[41] Fol. 341.
[42] Fol. 342.
[43] Fol. 344.
[44] Fol. 394.
[45] (i) Fid-digriet tal-4 ta' Awwissu 2014, ċaħdet it-talba u rrizervat li terġa' tikkonsidra talba simili wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu; (ii) Fid-digriet tas-26 ta' Awwissu 2015, rrizervat li tipprovdi wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu fir-rigward; (iii) Fid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, f'dak l-istadju ċaħdet it-talba u rrizervat li terġa' tikkonsidra talba simili wara l-għeluq tal-provi kollha tal-partijiet; u, (iv) Fid-digriet tal-1 ta' Settembru 2020, ċaħdet it-talba għal-uħud mir-raġunijiet imsemmja fir-risposta tal-konvenuti.

In vista tal-fatt li l-attur intavola r-rikors odjern b'talba simili għal dawk passati, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel ezami akkurat tat-talba tal-attur fir-rigward tal-kjarifika tal-parentela naturali u dan fil-konfront tal-oġġezzjoni konsistenti sollevata mill-konvenuti Fenech, sabiex hekk il-Qorti tasal għall-konvinċiment tagħha:

i. Jekk it-talba odjerna rigward il-kjarifika tal-parentela naturali tal-attur tistgħax tiġi deċiza qabel il-kwistjoni tal-pussess ta' stat tal-attur stess skont Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili, u kif ukoll l-obbligu tal-attur li f'dan l-istadju jressaq provi rigward il-pussess ta' stat;

ii. Jekk fi kwistjoni ta' paternita', il-proċedura ta' ezumazzjoni ta' mejjet, it-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu, u kif ukoll it-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-qraba tal-mejjet, humiex proċeduri permessibbli fil-parametri tal-liġi;

iii. Jekk it-talba tal-attur dwar il-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu setgħatx issir fl-istadju odjern tal-kawza, u ċjoe' fl-istadju tal-provi tal-partijiet; u,

iv. *Dato ma non concesso* li l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur sabiex isir test ġenetiku fil-kuntest odjern, jekk tali ordni tistgħax tilledi d-drittijiet fundamentali tal-konvenuti Fenech u kif ukoll tal-mejjet Tumas Fenech.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-**<u>kwistjoni tal-pussess ta' stat</u>**, il-konvenuti jirritjenu illi l-azzjoni hija intempestiva għaliex:

i. Il-Qorti għandha qabel ma tiddeċiedi t-talba tal-attur għall-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu, għandha *in primis*, tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-pussess ta' stat, liema kwistjoni ġiet sollevata f'forma ta' eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Fenech in risposta għar-rikors promotur tal-attur; u

ii. Abbazi tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili, ħadd ma jista' jitlob jew jattakka stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-Att tat-Twelid u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-Att, izda fil-kaz odjern l-attur qiegħed jattakka u jitlob stat kuntrarju għal dak li jaqbel mal-Att tat-Twelid tiegħu u b'hekk ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili l-attur għandu jressaq ġabra ta' provi sabiex jipprova dak allegat minnu – liema provi l-attur għadu ma ressaqx.

Il-Qorti hija konsapevoli illi l-konvenuti Fenech permezz tar-risposta maħlufa tagħhom għar-rikors promotur tal-attur issollevaw tlett (3) eċċezzjonijiet preliminari, fosthom *"Illi ukoll in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-azzjoni odjerna hija improponibbli u dan kif dispost mill-Artikolu 81 (1) li bl-aktar mod car jindika illi hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att*

*tat-twelid bhala iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att".*[46] Minkejja tali eċċezzjoni, il-Qorti ma tarax illi huwa ekwu illi l-konvenuti joġġezzjonaw għall-kjarifika tal-parentela naturali tal-attur b'tali eċċezzjoni u dan meta huwa kristallizzat illi din l-eċċezzjoni ma tiċċentra bl-ebda mod f'dan l-istadju, hekk kif ser jiġi spjegat segwentament.

Qabel ma l-Qorti tgħaddi sabiex tispjega għaliex l-oġġezzjoni tal-konvenuti ma treġix, hija tinsab tal-fehma illi jkun idoneju li tippuntwalizza illi l-perkors ta' kawza ta' filjazzjoni għandha tkun maqsuma fi tnejn u dan fl-ordni spjegat segwentament:

i. Fl-ewwel lok għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tad-dikjarazzjoni tal-paternita' bl-iskop li persuna ssir taf l-identita' bijoloġika tagħha; u,

ii. Fit-tieni lok għandha tiġi indirizzata l-possibilita' ta' reġistrazzjoni tal-imsemmija paternita' fl-Att tat-Twelid tal-wild, fis-sens illi dik il-persuna hekk iddikjarata bħala l-ġenitur naturali titnizzel fl-Att tat-Twelid bil-għajnuna tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

B'hekk u għalkemm persuna tista' tressaq provi suffiċċjenti sal-grad rikjest mil-liġi sabiex fl-ewwel lok tistabilixxi l-identita' bijoloġika tagħha għal fini ta' dikjarazzjoni tal-paternita', dan ma jfissirx illi b'mod awtomatiku tali dikjarazzjoni għandha ssarraf f'reġistrazzjoni fl-Att tat-Twelid. Għaldaqstant għandu jiġi delinejat illi l-provi neċessarji fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' paternita', inkluz it-test ġenetiku, ma humiex dejjem bizzejjed sabiex il-Qorti tkun sodisfatta illi tali dikjarazzjoni tista' tiġi reġistrata fl-Att tat-Twelid u dan minħabba l-kwistjoni tal-pussess ta' stat.

Dan l-insenjament jinsab delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et noe**,[47] fejn jingħad illi *"Il-Qorti issa trid tgħaddi biex tezamina jekk l-attur għandux dritt jitlob li l-paternita' tiegħu tiġi reġistrata fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri Petra bħala effett konsegwenzjali ta' l-istess dikjarazzjoni ta' paternita'; Dan l-ezami jidher li huwa meħtieġ għaliex jista' jiġi objettat li l-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili huwa ta' ostakolu għal bdil li l-attur qiegħed jippretendi li għandu jsir fiċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' bintu Petra biex jingħata għarfien bħala missierha".* Għaldaqstant għandu jiġi segwit dan il-proċess surreferit għaliex huwa proċess ekwu li finalment joħloq bilanċ bejn id-drittijiet tal-partijiet, stante li persuna għandha d-dritt li tiskopri l-identita' ġenetika u bijoloġika tagħha, anke jekk ma tkunx tista' temenda l-Att tat-Twelid tagħha minħabba prezunzjoni legali, u dan kif ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Agius et vs Lucy Ann Agius pro et noe**.[48]

---

[46] Fol. 86.

[47] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Mejju 1996.

[48] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Novembru 2012, *"Oltre dan, l-atturi ghandhom interess ikunu jafu fic-cert id-dixxendenza bijologika taghhom. Ghandhom dritt li tigi stabbilita l-*

Stabbilit il-mod kif għandha tipprosegwi azzjoni ta' din ix-xorta, il-Qorti tara illi fin-natura tagħha, l-oġġezzjoni tal-konvenuti tmur kontra l-ispirtu tal-istess, hekk kif dawn jirritjenu illi *"anke kunsidrat l-imsemmija eccezzjoni imressqa mill-esponenti dwar il-prevalenza tal-istat moghti fuq ic-certifikat tat-twelid ai termini tal-Artikolu 81(1) tal-Kap 16 ta-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti tikkontendi illi qabel ma tipprocedi sabiex tikkunsidra t-talba odjerna, din l-Onorabbli Qorti ghandha l-ewwel titratta u tiddeciedi din l-eccezzjoni anke peress illi din ma tirrekjedi l-ebda prova xjentifika fuq id-DNA tad-defunt"* (sottolinejar tal-Qorti).[49] Dan ifisser illi dak li qegħdin jippretendu l-konvenuti huwa li l-kwistjoni tal-pussess ta' stat għandha tiġi indirizzata, ppruvata, trattata u deċiża qabel il-kwistjoni odjerna tal-kjarifika tal-parentela naturali tal-attur. Fil-fehma tal-Qorti l-oġġezzjoni tal-konvenuti hija frivola minħabba zewġ raġunijiet partikolari, u ċjoe': (i) *in primis* il-konvenuti ma spjegawx u wisq anqas indikaw abbazi liema artikolu tal-liġi l-Qorti għandha l-fakolta' li tagħmel dak li qiegħed jintalab minnha, u, (ii) il-konvenuti huma konoxxenti tal-fatt illi f'dan l-istadju tal-kawza, qiegħda tiġi indirizzata biss dik il-kwistjoni rigward id-dikjarazzjoni tal-paternita' tal-attur u għalhekk mhux qed iressaq provi rigward il-pussess ta' stat.

Fir-rigward tal-bazi legali tal-oġġezzjoni tal-konvenuti, il-Qorti tikkontendi illi b'ħarsa lejn Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi osservat illi l-leġizlatur ħaseb b'mod speċifiku liema huma dawk l-eċċezzjonijiet li għandhom jiġu deċizi b'kap għalihom, sew qabel jew altrimenti flimkien mas-sentenza finali, u ċjoe' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, illeġitimita' ta' persuna, transazzjoni, arbitraġġ, *res judicata*, preksrizzjoni jew nullita' ta' atti. Għaldaqstant dak li qiegħed jintalab mill-konvenuti ma jidhirx li huwa legalment possibbli u ċjoe' li l-eċċezzjoni tal-pussess ta' stat tiġi trattata u deċiża qabel. Madanakollu dak li għandha tagħmel il-Qorti fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa li abbazi tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħti s-sentenza tagħha finali fejn tagħmel referenza għall-proċedimenti kollha tal-kawza, it-talbiet tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, inkluz dik tal-pussess ta' stat, u konsegwentament tagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbazat id-deċizjoni tagħha – fejn il-Qorti tista' tilqa' jew tiċħad l-eċċezzjoni tal-pussess ta' stat u dan abbazi tal-provi li jkollha quddiemha.

Fid-dawl tal-fatt illi l-konvenuti huma konoxxenti tal-fatt illi f'dan l-istadju tal-kawza, qiegħda tiġi indirizzata biss dik il-kwistjoni rigward id-dikjarazzjoni tal-paternita' tal-attur, il-Qorti tfakkar illi sa mill-bidu tal-kawza u ċjoe' fit-tielet seduta ta' nhar l-20 ta' Mejju 2014, l-attur bl-assistenza tal-Avukat tiegħu informa lill-Qorti illi kien ser jipprezenta rikors sabiex jitlob it-tehid ta' kampjun ta' DNA minn fuq il-fdalijiet tad-

---

*verita`, kif ghandu l-istess dritt il-minuri li jkun jaf min verament hu missieru. Huwa fl-interess ta' kulhadd li r-realta` genetika u bijologika tkun stabbilita".*

[49] Fol. 306.

defunt Tumas Fenech u dan fil-prezenza tal-avukat tal-konvenuti.[50] Dan jistabbilixxi b'mod ċar illi kemm il-Qorti u kif ukoll il-konvenuti kienu konsapevoli dwar l-intendiment tal-attur u ċjoe' illi fl-ewwel lok huwa ser jipprosegwi billi jistabbilixxi l-identita' bijoloġika tiegħu, u dan anke billi jitlob li jsiru testijiet xjentifiċi. Mill-atti ma jirrizultax illi l-konvenuti b'xi mod qatt oġġezzjonaw b'mod formali ma' din il-Qorti għall-mod kif ser titmexxa l-kawza, għajr fir-risposti tagħhom għal kull rikors li ntavola l-attur għall-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu, fejn hemmhekk huma dlonk jissollevaw l-oġġezzjoni tagħhom rigward il-pussess ta' stat – liema oġġezzjoni titmewwet wara kull digriet tal-Qorti li tiċħad it-talba tal-attur bil-konsegwenza li dan tal-aħħar jibqa' jressaq il-provi fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-paternita'. Fil-fehma tal-Qorti, kieku l-konvenuti verament jemmenu fis-sottomissjoni tagħhom rigward il-pussess ta' stat, ma kien hemm xejn xi jxekkel lill-konvenuti sabiex fil-mori tal-kawza jresqu dan l-ilment b'mod formali bl-intiza aħħarija li tali kwistjoni tiġi indirizzata.

Tenut kont tas-suespost, il-Qorti tara illi l-oġġezzjoni tal-konvenuti li l-attur għadu ma ressaq ebda prova rigward il-pussess ta' stat tiegħu, f'dan l-istadju hija ukoll frivola. Sa mill-bidu tal-kawza, l-attur ġie mgħobbi bl-oneru tal-prova li jistabilixxi ness bejnu u l-mejjet,[51] u kif ukoll il-probabbli relazzjoni intima bejn ommu u l-mejjet,[52] sabiex hekk it-talba tiegħu għall-kjarifika tal-parentela naturali tkun tista' tiġi kkunsidrata ġustifikata. Fil-fatt, il-Qorti tosserva illi wieħed mir-rikorsi tal-attur għadu pendenti sa llum, stante li l-Qorti rrizervat li tipprovdi dwar it-talba għall-kjarifika tal-parentela naturali wara li l-attur jagħlaq il-provi tiegħu f'dan ir-rigward.[53] Dan, jekk xejn, ikompli jikkorrabora xi provi kien qiegħed iressaq l-attur, u ċjoe' dawk li f'dan l-istadju jmorru lil hinn mill-kwistjoni tal-pussess ta' stat.

Għaldaqstant il-Qorti tasal għall-konkluzjoni illi f'dan l-istadju l-oġġezzjoni tal-konvenuti ma treġix u b'hekk ma hemmx lok illi ssir referenza jew li l-Qorti tidħol fil-mertu tas-sentenza ċitata fir-risposta tal-konvenuti rigward il-pussess ta' stat, cjoe' **Anthony Grima vs Josianne Grima et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), nhar il-24 ta' Marzu 2015 – izda fi kwalunkwe kaz tali ezerċizzju ta' stħarriġ għandu jsir fi stadju ulterjuri tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

[50] Fol. 90, fejn fil-verbal tal-imsemmija seduta l-Qorti iddikjarat illi *"il-kawza qed tigi differita ghall-14 ta' Lulju 2014 sabiex jinghata provvediment dwar ir-rikors tal-attur tas-26 ta' Marzu 2014 in camera* (ir-rikors rigward il-kjamati fil-kawza skont l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Fenech) *kif ukoll sabiex jiġi trattat r-rikors li l-attur ghandu jipprezenta dwar talba sabiex jittiehed kampjun ta' DNA minn fuq il-fdalijiet tad-defunt".*

[51] Ara d-digriet tal-4 ta' Awwissu 2014, a fol. 118, u d-digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, a fol. 312.

[52] Ara d-digriet tas-26 ta' Awwissu 2015, li jinsab fuq wara tat-tieni (2) volum tal-proċess.

[53] Ara r-rikors tal-attur datat 9 ta' Lulju 2015, hekk kif il-Qorti permezz ta' digriet datat 26 ta' Awwissu 2015 irrilevat illi: *"Ikkonsidrat illi l-Qorti ghandha tordna t-test tad-DNA wara li jigi ppruvat sodisfacentement il-probabilita' ta' relazzjoni intima bejn omm l-attur u d-decujus. Ikkonsidrat illi l-attur ghadu fil-kors li jressaq provi fir-rigward. Ghaldaqstant tirrizerva li tipprovdi wara li l-attur jaghlaq il-provi tieghu fir-rigward"*, li jinsab fuq wara tat-tieni (2) volum tal-proċess.

Fir-rigward tal-**<u>proċedura ta' ezumazzjoni ta' mejjet għal fini ta' tehid ta' kampjun mill-fdalijiet tal-istess u kif ukoll it-tehid ta' kampjun minn qraba diretti tal-mejjet sabiex isir test ġenetiku</u>**, il-konvenuti jikkontendu illi dawn il-proċeduri ma humiex permessibbli fil-parametri tal-liġi.[54]

F'dan il-kuntest il-Qorti ser tgħaddi sabiex tanalizza l-qafas legali fir-rigward tat-testijiet xjentifiċi, senjatament Artikolu 70 subinċiz 3, Artikolu 70A u Artikolu 100A tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoe' it-tlett (3) disposizzjonijiet imsemmija fir-rikorsi u risposti in kwistjoni.[55]

Il-Qorti tibda sabiex teskludi l-applikabbilita' tal-Artikolu 100A tal-Kodiċi Ċivili fil-kaz odjern, in vista tal-fatt li l-attur ġie mnissel u mwieled fiz-zwieġ, mentri dan l-artikolu tal-liġi jista' jiġi applikat għal dawk l-ulied imnissla u mwielda barra z-zwieġ – tant illi tali artikolu jinsab taħt s-Sub-Titolu Tlieta tat-Titolu Tnejn tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, li jismu *"Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda barra miż-Żwieġ u fuq il-Preżunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ"*. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem rigward proċedura speċifika u ċjoe' l-proċedura ta' *denegata paternita'* mibdija mill-konjuġi tal-persuna li welldet u għaldaqstant tali artikolu huwa ukoll inapplikabbli għall-kawza odjerna ġialadarba din l-azzjoni hija mibdija mill-wild innifsu bħala persuna kkwalifikata li għandha kull interess ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili.

Fir-rigward tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili, dan jitkellem solament fil-kuntest ta' meta tkun tinħtieġ il-kjarifika tal-parentela naturali ta' wild li jkun imnissel u mwieled fiz-zwieġ. Dan l-artikolu tal-liġi jistpula:

---

[54] Ara risposta tat-13 ta' Ġunju 2014, a fol. *115 "Li kieku l-ezumazzjoni hija permessibbli skond il-ligi (haga li l-esponenti ma jaqblux illi ghanda ssir), din ghandha tkun ghal ragunijiet straordinarji u decizivament bhala l-ahhar rimedju"*; Ara r-risposta tas-7 ta' Awwissu 2019, a fol. 301 *"Illi dan mhuwiex semplici ftuh ta' qabar izda hija vjolazzjoni ta' sit li jirrapprezenta il-memorja ta' persuna ghaziza ghalihom u li ghandu ukoll sinifikatreligjuz u personali. Illi l-Qorti zgur ma tistax tawtorizza l-ftuh ta' oqbra u ezumazzjoni ta' fdalijiet semplicement fuq rikjesta ta' parti minghajr ma jkun hemm prova illi b''xi mod tista' tikkonvinciha illi dak illi qieghed jallega r-rikorrent ghandu mill-veru. (…) Min-naha l-ohra l-esponenti dejjem oggezzjonaw ghall-rezumazzjoni tal-fdalijiet ta' missierhom minhabba varji ragunijiet fosthom l-impatt psikologiku li tali rezumazzjoni fil-konfront taghhom u l-familjari taghhom specjalment ommhom, il-mara tal-mejjet li hija mara ta' eta avvanzata u ta' stat ta' sahha fragli. (…) Illi l-Artikolu 70(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta invokat mill-istess attur jirreferi ghall-fakolta tal-Qorti illi tordna it-tehid ta' kampjuni ghat-testijiet xjentifici specifikament mill-mizzewgin, il-wil u/jew l-allegat missier naturali. Fl-ebda mument mal-Ligi tiprovdi illi tali fakolta tsta' testentdi fuq persuni u/jew qraba ohra. Ubi lex voluit, dixit; ubi moluit, tacuit".*

[55] Fir-rikors tal-attur tal-25 ta' Lulju 2019, a fol. 296, u konsegwentament il-konvenuti fir-risposta tagħhom tas-7 ta' Awwissu 2019, a fol. 301, issir referenza għall-Artikolu 70(3). Min-naħa l-oħra, fir-rikors tal-10 ta' Diċembru 2020, l-attur jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Etienne A. Calleja bhala mandatarju tal-assenti Alica Mellard Fribertova u bintha minuri Jessica Fribertova vs Jeffrey Farrugia et** fejn il-Qorti awtrorizzat li jsir it-test xjentifiku ai termini tal-Artikolu 70A u 100A tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li l-konvenuti fir-risposta tagħhom jerggħu jagħmu referenza għall-Artikolu 70(3) tal-Kodiċi Ċivili.

*"70A. (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild:*

*(a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li willed u lill-wild;*

*(b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild;*

*(ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u*

*(d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' teħtieġ lil kwalunkwe wieħed mill-konjuġi, lill-wild, u lil allegat ġenitur naturali, kif ikun il-każ, sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti:*

*Iżda fejn l-imsemmi kunsens ma jingħatax mill-partijiet, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi dak il-kunsens li ma ngħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju.*

*(3) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet inferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjun ġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.*

*(4) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad ir-rikors jekk tqis li ċ-ċaħda tal-wild tkun tirriżulta f'effett kuntrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-wild minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak il-wild minuri, ukoll meta wieħed jikkunsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt li tagħmel tali rikors.*

*(5) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta'parentela u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob li l-persuna li għandha d-dritt li tagħmel ir-rikors li jkun sar fuqha test ta' parentela, tippermetti l-ispezzjoni tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' parentela jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).*

*(6) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiġi deċiż permezz ta' digriet, liema digriet jista' jkun appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili".*

Fil-kaz odjern, il-Qorti tara illi:

i. Fir-rigward tal-*ezumazzjoni tal-mejjet għal fini ta' tehid ta' kampjun mill-fdalijiet tiegħu sabiex isir test ġenetiku*, il-konvenuti joġġezzjonaw għal tali proċedura għaliex *in primis* din ma hijiex proċedura permessibbli skont il-liġi u *se mai* tali proċedura għandha tkun permessibbli biss f'ċirkostanzi straordinarji bħala l-aħħar rimedju, għaliex il-ftuħ tal-qabar mingħar raġuni valida, jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' sit li jirrapprezenta l-memorja ta' persuna li għaddiet għall-ħajja aħjar, liema sit għandu sinifikat reliġjuz u personali, filwaqt li,

ii. Fir-rigward tat-*tehid tal-kampjuni ġenetiċi minn fuq il-qraba tal-mejjet Tumas Fenech*, il-konvenuti jisħqu illi tali talba hija insostenibbli hekk kif: (i) il-Qorti ma għandhiex il-fakolta' *"illi testendi s-setgha taghha li tordna t-test ta' DNA fuq persuni jew qraba tal-allegat missier"*, u (ii) il-kapaċita' tagħhom f'din il-kawza hija ta' eredi izda *"aktar fil-kwalita' ta' kuraturi ad litem fl-assenza (peress li huwa mejjet) tal-persuna li fil-konfront taghha effettivament hija ntavolata din l-azzjoni"* u b'hekk ma għandhomx jassumu responsabbilita' li tikkonċerna lil missierhom il-mejjet.

Fid-dawl tad-disposizzjoni tal-liġi surreferita u kif ukoll l-oġġezzjoni tal-konvenuti, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tezamina jekk dawn iz-zewġ proċeduri għall-kjarifika tal-parentela naturali ta' wild, humiex legalment permessibbli fil-parametri tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant dawn ser jiġu trattati flimkien.

Il-Qorti tosserva illi t-talba oriġinali tal-attur kif dedotta fir-rikors promotur tiegħu, hija proprju rigward l-ezumazzjoni tal-mejjet Tumas Fenech sabiex jittieħed kampjun ġenetiku bl-intiza li jiġi stabbilit jekk dan huwiex il-missier naturali tiegħu. B'hekk huwa ċar illi l-intiza tal-attur kienet dejjem illi jsegwi l-proċedura tal-ezumazzjoni, u probabilment fil-mori tal-kawza talab illi jsir test ġenetiku fuq il-qraba tal-mejjet sabiex iħaffef il-proċess.

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi dawn iz-zewġ proċeduri, għalkemm mhux daqstant komuni, jirrizulta li ġew segwiti fi proċeduri quddiem il-Qrati nostrana fejn l-allegat ġenitur kien mejjet:

i. Il-proċedura tal-ezumazzjoni tal-mejjet u t-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tal-istess ġiet ordnata li ssir mill-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Glenda Farrugia noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et.**[56] Barra minn hekk jidher li hemm ukoll kawzi pendenti fejn il-Qorti ordnat li ssir tali proċedura, izda liema kawza l-Qorti tagħzel li ma tagħmilx referenza speċifika għalihom minħabba li l-iter tal-kawza għadu għaddej. Fil-kaz surreferit ta' Glenda Farrugia noe, jirrizulta illi l-attriċi intavolat rikors f'dan is-sens, liema talba ġiet akkolta minn din il-Qorti, izda diversament presjeduta, u konsegwentament ġie nnominat espert għall-ezumazzjoni tal-fdalijiet

[56] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Ottubru 2014.

u kif ukoll espert ieħor sabiex jeleva l-kampjuni u jagħmel it-testijiet neċessarji;

ii. Il-proċedura tat-tehid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-qraba tal-mejjet, ġiet segwita:

a. Fis-sentenza fl-ismijiet **Leontine Bondin vs Domenica Bondin et**,[57] fejn *"Dr. Marisa Cassar xehdet a fol 35 et seqq illi jekk isir test genetiku fuq l-omm, iz-zewgt' ulied u z-ziju tal-ulied dan ikun jista' jistabilixxi li VC huwa missier l-attrici f'percentagg ta' aktar minn 80%"*, u kif ukoll,

b. Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Nathalie Sultana et vs Dr Mark Mifsud Cutajar et noe**,[58] fejn *"Xehdet ukoll l-istess Dr. Marisa Cassar fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2018, li kkonfermat li peress li f'dan il-kaz ma kienx hemm disponibbli l-kampjun tal-mejjet, uzat kampjun ta' membru tal-familja tieghu, cioe` ta' ommu E Mc Manus u hadmet, pjuttost milli normal paternity test, dak li jissejjah avancular index fejn ikun intuza kampjun ta' rapprezentant tal-allegat missier. Kompliet tispjega illi l-kampjuni ttiehdu minn fuq il-persuna tal-attrici Natalie B, tat-tifla C B, kif ukoll ta' omm l-allegat missier bhala xi hadd li jigi minnu. Ix-xhud ikkonfermat illi wara li gew imqabbla l-profiles ta' A B ma' dawk ta' bintha, jirrizulta li m'hemmx dubju li A B hija omm C B, u kkonfermat ulterjorment illi dan it-test ikkonkluda wkoll li wiehed ma jistax jeskludi li t-tifel ta' E Mc Manus huwa missier C B. Ix-xhud fissret li din il-konkluzjoni giet raggunta abbazi tal-persentagg ta' 99.74% li, ghal kaz rapprezentattiv ghall-finijiet tal-avancular test, huwa rizultat gholi hafna li juri li l-probabbilita` li bin E Mc Manus huwa l-missier ta' C B, hija 99.74%."*.

Madanakollu l-Qorti tara illi fis-sentenzi surreferiti, ma kienx hemm disgwid fuq il-possibilita' o meno dwar il-proċeduri *per* se, u b'hekk il-Qorti f'ebda minn waħda minn dawn il-kawzi ma kellha n-neċċessita' li tapprofondixxi l-osservazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

F'dan l-istadju, il-kompitu tal-Qorti huwa li tevalwa jekk l-imsemmija proċeduri humiex tali li tipprovdi għalihom il-liġi nostrana. Minn qari tal-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jirrizultax illi ssir referenza b'mod speċifiku għall-kelma *"ezumazzjoni"*, jew *"qraba"*, u lanqas għall-frazi *"tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tal-mejjet"*, jew *"tehid ta' kampjun ġenetiku mill-qraba tal-mejjet"*. Madanakollu, il-Qorti xorta waħda tinsab moralment konvinta illi l-proċedura tal-ezumazzjoni u t-tehid ta' kampjuni mill-fdalijiet tal-mejjet, u kif ukoll it-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-qraba tal-mejjet, huma permessibbli fil-parametri tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili, u dan kif ser jiġi spjegat segwentament.

[57] Deċiza nhar it-8 ta' Novembru 2019, mhux appellata, (Rik. Ġur. Nru. 214/2018JPG).
[58] Deċiza nhar il-5 ta' Lulju 2018, mhux appellata, (Rik. Ġur. Nru. 98/2016RGM).

Dan l-artikolu tal-liġi daħħal fis-seħħ permezz tal-Att XV tas-sena 2012, fejn fid-dibattiti parlamentari ġie spjegat illi:

> *"Hawn qegħdin nagħmlu dawn il-passi 'l quddiem fejn qegħdin nagħtu dan id-dritt li l-qorti tordna l-partijiet li jissottomettu ruħhom għal testijiet ġenetiċi. Wieħed jifhem li qabel, sitwazzjoni mill-aspett xjentifiku kienet ferm aktar diffiċli milli hija llum. Illum is-sitwazzjoni żviluppat ferm iktar 'il quddiem u allura llum għandna sitwazzjoni li fuqha nistgħu nimxu. (…) Il-qorti trid li jkollha aktar affarijiet f'idejha".*[59]

Matul l-imsemmija dibattiti parlamentari ġie ribadit ukoll illi *"Fuq dan il-punt irridu naraw x'tgħid il-liġi tagħna, naraw l-avvanzi li kien hemm fix-xjenza, naraw wkoll l-importanza li llum inħarsu aktar lejn id-dritt tal-wild, tat-tifel jew tat-tifla li tkun taf min huma l-ġenituri tagħha u qed inħarsu permezz ta' din l-emenda, dak li tgħid il-liġi tagħna llum u dak li qed nipproponu. Fil-fatt illum il-Qorti,meta jkollha quddiemha dawn il-każi, m'għandhiex ċerti poteri. Li qed nagħmlu b'din l-emenda, li jirriżulta li hemm qbil fuqha anke min-naħa tal-Oppożizzjoni hu li nibdlu u nagħtu iżjed poteri lill-Qorti. (...) B'dawn il-mekkaniżmi legali li qed jiġu proposti b'dan l-artiklu l-ġdid 70A, m'hemmx dubju li se nkunu f'pożizzjoni li l-Qorti tal-Familja tkun tista' tnaqqas il-ħin li jittieħed għal dawn it-tip ta' kawżi. Għaliex jista' jitnaqqas il-ħin? Sal-lum, ħafna drabi kienu jinġiebu ħafna xhieda biex jipprovaw iressqu provi konkreti fuq dan il-fatt. Issa kulma jrid isir huwa dan it-test li jwassal għal ċertezza. F'dawn it-tip ta' każijiet, kulma jrid isir huwa li jitqabbad espert biex jagħmel l-analiżi tad-DNA u permezz ta' dan wieħed ikun qed jirriduċi l-ħin involut biex tiġi stabbilita l-paternità fejn f'kawżi ta' filjazzjoni jidħol f'dan l-aspett. Din hija kwestjoni ta' natura xjentifika u allura tnaqqas il-possibbiltà li wieħed ikun jista' jtawwal b'xhieda okulari u b'allegazzjonijiet u li wieħed jidħol f'affarijiet li jtawlu. Dan huwa pass ieħor importanti għax bih il-Qorti tal-Familja, minbarra li se tkun qed tingħata iktar poteri biex tasal għad-deċiżjonijiet tagħha, iktar minn hekk f'dawn it-tip ta' kawżi se jitnaqqas il-ħin li jrid jieħu wieħed biex jasal għad-deċiżjoni"*.[60]

In sintezi jirrizulta li l-introduzzjoni tal-Artikolu 70A fil-Kodiċi Ċivili saret bl-intiza li tippromwovi tlett (3) kwistjonijiet kruċjali, ċjoe': (i) id-dritt tal-ulied li jkunu jafu min huma l-ġenituri naturali tagħhom, (ii) id-dmir ta' kollaborazzjoni sabiex il-wild jiġi assigurat id-drittijiet kollha tiegħu, u (ii) l-ispeditezza f'kawzi ta' din in-natura in vista li tali kwestjoni hija ta' natura xjentifika. Dan sar filwaqt li l-Qorti ngħatat iktar poteri sabiex b'hekk tkun f'pozizzjoni li tasal għal deċizjoni diretta u skjetta, permezz ta' proċedura spedita u sempliċi, bbazata fuq prova xjentifika li tħalli rizultat ċert u inekwivoku dwar il-parentela.

Għaldaqstant, Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili kif jaqra fil-prezent, jagħti l-possibbilita' lill-wild li jixtieq jikkjarifika l-parentela naturali tiegħu li jirrikjedi liz-zewġ ġenituri tiegħu biex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku. Fil-fehma tal-Qorti dan it-test ġenetiku għandu valur biss

[59] Seduta Numru 409, ta' nhar is-16 ta' Novembru 2011.
[60] Seduta Numru 496, ta' nhar it-2 ta' Lulju 2012.

sabiex jirradika l-prezunzjoni legali kif maħsuba f'Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoe' li *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi".* Wara li jiġi stabbilit illi l-wild verament ma huwiex il-wild tar-raġel tal-omm, jispetta lill-wild sabiex iressaq provi ċari u attendibbli li jistabbilixxu ness bejnu u l-allegat missier minħabba probabilita' li omm il-wild kellha relazzjoni intima extra-matrimonjali mal-allegat missier. Kif il-Qorti tkun konvinta bil-provi li jkollha quddiemha, din għandha s-setgħa fakoltattiva illi teħtieġ, fost oħrajn, lill-allegat missier sabiex jagħti kampjun ġenetiku għal fini ta' kjarifika tal-parentela naturali.[61] Fin-nuqqas ta' ko-operazzjoni, il-Qorti għandha b'mod tassattiv tordna lill-allegat missier sabiex jissottometti ruħu għal test ġenetiku.

Madanakollu, iċ-ċirkostanzi tal-ħajja huma varji, u l-mewt ta' persuna hija waħda minnhom. Naturalment, f'kaz illi l-allegat missier ikun mejjet, huwa loġiku illi l-Qorti ma tistgħax titlob lill-allegat missier *per se* sabiex jagħti b'mod volontarju l-kunsens tiegħu, u wisq anqas ma tista' tordnalu illi jissottometti ruħu. Għaldaqstant, meta l-Qorti tkun rinfaċċjata b'tali ċirkostanza fejn l-allegat ġenitur ikun mejjet, x'għandha tagħmel il-Qorti? Għandha tillimita l-poteri tagħha u konsegwentament tgħaddi sabiex tinterpreta l-liġi b'mod restrittiv? Il-Qorti ma tinsabx moralment konvinta li dan huwa dak mistenni minnha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi sabiex tipprovdi ġustizzja ekwa b'mod xieraq u dan filwaqt li tieħu konsiderazzjoni tad-drittijiet ta' kull parti involuta.

Fl-ewwel lok il-Qorti tara illi l-liġi in ezami ma semmi xejn dwar il-fatt jekk l-allegat missier għandux ikun ħaj jew mejjet sabiex jittieħed kampjun ġenetiku, izda tipprovdi li fi kwalunkwe kaz, jista' jew għandu, skont iċ-ċirkostanzi, jittieħed kampjun ġenetiku minn għand l-allegat missier. Fil-fatt, il-leġizlatur f'subinċiz 2 tal-Artikolu 70A jistipula illi l-Qorti tista' teħtieġ *"lil kwalunkwe wieħed mill-konjuġi, lill-wild, u lil allegat ġenitur naturali, kif ikun il-kaz, sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku"*, liema kunsens jekk ma jingħatax b'mod volontarju għandu jiġi sostitwit b'dak tal-Qorti. Permezz tal-frazi *"kif ikun il-kaz"*, il-leġizlatur bħal donnu jagħti diskrezzjoni lill-Qorti sabiex tara u tevalwa ċ-ċirkostanzi tal-kaz, u tiddeċiedi hi stess kif u minngħand min għandu jittiehed il-kunsens u l-kampjun tat-test ġenetiku.

Il-Qorti hija konsapevoli illi s-suespost hija interpretazzjoni wiesgħa tal-liġi, madanakollu fil-fehma tal-Qorti, tali interpretazzjoni hija konformi mal-intendiment tal-leġizlatur kif stabbilit fid-dibattiti parlamentari rigward l-Att VX tal-2012. Il-Qorti ma temminx li għandha tiġi limitata milli qadi tal-funzjonijiet tagħha, u ċjoe' li teħtieġ jew addirittura tordna t-tehid ta' kampjun ġenetiku sabiex ikun hemm il-kjarifika tal-parentela naturali ta' wild, u dan sempliċiment għaliex wieħed jagħzel li jinterpreta l-liġi b'mod restrettiv. F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza Ewropeja fl-ismijiet **Mifsud vs Malta**,[62] fejn ġie ritenut illi *"in cases arising from an individual petition its task is usually not to review*

[61] Artikolu 70A subinċiz (2) tal-Kodiċi Ċivili.
[62] Deċiza nhar id-29 ta' April 2019.

*the relevant legislation or a particular practice in the abstract. Instead, it must confine itself as far as possible, without losing sight of the general context, to examining the issues raised by the case before it"*. Huwa proprju dan li qiegħda tagħmel il-Qorti, u ċjoe' illi tara l-kuntest ġenerali u wiesgħa tal-intendiment tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta u dan għaliex il-Qorti hija tal-fehma illi d-dritt ta' persuna li tiskopri l-identita' tagħha ma għandux awtomatikament jintilef f'kaz li allegat missier ikun mejjet.

Kieku għal grazzja tal-argument jiġi maqbul illi l-proċedura tal-ezumazzjoni u t-tehid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-mejjet, jew it-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-qraba tal-mejjet ma humiex permessibbli b'mod assolut u bla eċċezzjonijiet, tali sitwazzjoni indubjament twassal għal sitwazzjoni anomala u estremament inġusta lejn dik il-persuna illi tkun qiegħda tfittex li tiskopri l-identita' ġenetika u bijoloġika tagħha. Il-Qorti tkompli tirriafferma l-pozizzjoni tagħha permezz tal-insenjament tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn fis-sentenza **Jaggi vs Switzerland**,[63] l-applikant ressaq l-ilment tiegħu illi *"he had been unable to have a DNA test carried out on a deceased person in order to ascertain whether the person was his biological father. He alleged that he had suffered a violation of his rights under Article 8 of the Convention"*. F'dan il-kaz, il-Qorti Ewropeja rriteniet illi *"persons seeking to establish the identity of their ascendants have a vital interest, protected by the Convention, in receiving the information necessary to uncover the truth about an important aspect of their personal identity. At the same time, it must be borne in mind that the protection of third persons may preclude their being compelled to make themselves available for medical testing of any kind, including DNA testing (see Mikulić, cited above, § 64). The Court must examine whether a fair balance was struck between the competing interests in this case"*. Għaldaqstant sabiex il-Qorti Ewropeja setgħat tasal għal konkluzjoni tagħha, rat illi kellha l-obbligu illi tevalwa d-drittijiet tal-persuna interessata li tikkjarifika l-parentela tagħha *vis-à-vis* dawk ta' terzi, tal-mejjet u tal-interess pubbliku sabiex tiġi ppreservata ċ-ċertezza legali – liema ezerċizzju seta' jsir biss billi l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tal-fattispeċji partikolari tal-kaz u kif ukoll l-interessi tal-applikant illi jiskopri l-identita' tiegħu.

Għaldaqstant dak li huwa relevanti f'sitwazzjoni fejn l-allegat ġenitur ikun għadda għal ħajja aħjar, huwa proprju ċ-ċirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti. F'kawzi ta' din in-natura, l-allegat ġenitur ma jkunx jinsab/jibqa' fl-azzjoni stante li l-mewt ta' persuna ġġib fi tmiemha l-kapaċita' ġuridika tagħha, u b'hekk l-eredi tal-mejjet għandhom l-obbligu li jidħlu fiz-zarbun tal-istess u jassumu l-personalita' ġuridika tad-decujus,[64] u dan inkluz f'kawzi ta' paternita'.[65] Wara li l-Qorti tevalwa ċ-

[63] Deċiza nhar it-13 ta' Ottubru 2006.

[64] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Cranes and Commercial Sales Limited vs Carmelo Buhagiar et**, deċiza nhar l-4 ta' Frar 2016, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, mhux appellata.

[65] Għaldaqstant, l-irwol tal-konvenuti fil-kawza odjerna huwa dak ta' eredi, u mhux dak ta' kuraturi *ad litem* għaliex Tumas Fenech ma huwiex assenti izda mejjet (f'dn ir-rigward, ara *inter*

ċirkostanzi kollha u tieħu ukoll in konsiderazzjoni tad-drittijiet ta' kull parti involuta, il-Qorti għandha tikkonsidra:

i. Li tkun saret talba mill-persuna li għandha dritt għall-kjarifika tal-parentela naturali;

ii. Jekk il-partijiet ikkonċernati, inkluz l-eredi tal-mejjet li normalment ikunu l-qraba tal-istess, u salv għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jagħtux il-kunsens tagħhom b'mod volontarju għat-tehid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-fdalijiet tal-mejjet u jew minn fuqhom sabiex issir it-test tad-DNA;

iii. F'kaz li jkun hemm oġġezzjoni, il-Qorti għandha:

a. *In primis* tara jekk tali test ikunx fl-interess tal-wild li tkun taf il-parentela ġenetika u bijoloġika tiegħu, u li tali dikjarazzjoni mhux ser tippreġudika l-interessi supremi tal-istess wild f'kaz li l-wild ikun għadu minuri;

b. F'kaz li jkun fl-interess tal-wild li jsir tali test, għandha tordna li ssir l-ezumazzjoni u t-tehid tal-kampjun ġenetiku minn fuq il-fdalijiet tal-mejjet stess, jew it-tehid ta' kampjun ġenetiku tal-qraba tal-mejjet, skont il-kaz.

Dawn iz-zewġ proċeduri huma l-unika zewġ rimedji disponibbli għall-kjarifika tal-parentela naturali ta' wild meta l-allegat ġenitur ikun għadda għall-ħajja aħjar, u fil-kuntest ħolistiku tal-kwistjoni in ezami, b'mod partikolari fid-dawl: (i) tad-diċitura tal-liġi, u kif ukoll, (ii) tal-isfond wara l-emendi tal-2012 rigward it-testijiet ġenetiċi, dawn iz-zewġ proċeduri huma permessibbli f'kuntest wiesgħa tal-liġi, li għandhom ikunu dipendenti mill-fattispeċji tal-kaz in ezami.

Għaldaqstant u b'applikazzjoni tas-surreferit għal kaz *de quo*, iz-zewġ proċeduri jistgħu jiġu segwiti fil-kaz odjern, salv illi jiġi ppruvat b'mod ċar u attendibbli: (i) in-ness bejn l-attur u l-allegat missier minħabba l-probabilita' ta' relazzjoni intima bejn omm l-attur u l-mejjet, (ii) iċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern jippermettu li tiġi segwita waħda minn dawn il-proċeduri, inkluz l-intendiment ġenwin tal-attur li jiskopri l-identita' tiegħu u mhux wieħed malizzjuz li jista' jweġġa' lil familjari tal-mejjet.

**Ikkunsidrat:**

*alia* t-trattazzjoni tal-21 ta' Jannar 2016, a fol. 213, fejn il-konvenuti stess iddikjaraw li huma l-eredi u mhux kuraturi *ad litem*). Min-naħa l-oħra, il-konvenut Raymond Cassar qiegħed jidher mhux biss f'ismu personali, izda ukoll bħala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-mejjet, ara fol. 7.

Fir-rigward tal-**<u>kwistjoni jekk it-talba tal-attur dwar il-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu setgħatx issir fl-istadju odjern tal-kawza, u ċjoe' fl-istadju tal-provi tal-partijiet</u>**, il-Qorti tara illi fil-fehma tal-konvenuti din it-talba *se mai* kellha ssir wara li jingħalqu l-provi tal-partijiet kollha, għaliex *"sabiex tasal ghal dik il-konvinzjoni jehtieg illi l-Qorti tisma z-zewg nahat tal-munita u mhux wahda biss. Illi ghalhekk gjaladarba l-attur ma indika l-ebda raguni valida u/jew urgenti ghalfejn din ghandha issir immedjatament u qabel gheluq l-istadju tal-provi taz-zewg nahat, l-esponenti jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tal-attur f'dan l-istadju u semmaj tikkunsidra din it-talba wara li kemm l-attur u kemm l-konvenuti ikunu ghalqu il-provi (mhux xjentifici) taghhom".*[66] Il-konvenuti jissottomettu illi din kienet id-direzzjoni mogħtija mill-Qorti, u dan b'referenza għall-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2017.[67]

Il-Qorti rat illi l-konvenuti Fenech u in risposta għall-ewwel talba tal-attur sabiex issir il-kjarifika tal-parentela naturali tiegħu, oġġezzjonaw għat-talba tal-attur in vista li fil-fehma tagħhom l-attur kien għadu ma bediex iressaq provi sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu. Konsegwentament, u fir-rigward tat-talbiet sussegwenti tal-attur f'dan ir-rigward, il-konvenuti Fenech oġġezzjonaw mill-ġdid fejn saħqu illi t-talba tal-attur hija intempestiva hekk kif tali talba kellha ssir u tiġi deċiza wara li z-zewġ partijiet jressqu l-provi tagħhom, stante illi: (i) il-Qorti tkun f'posizzjoni li tiddeċiedi tali kwistjoni daqstant sensittiva biss meta tkun ipprezentata bil-provi kollha taz-zewġ partijiet, u (ii) fid-dawl tal-fatt li l-attur naqas milli jipprova li tezisti raġuni valida u/jew urġenti għalfejn it-talba għandha ssir immedjatament u qabel l-għeluq tal-provi, il-Qorti ma għandhiex toħloq eċċezzjoni billi tiddeċiedi t-talba f'dan l-istadju. F'dan ir-rigward ara r-risposti tal-konvenuti Fenech tat-18 ta' Awwissu 2015,[68] tas-7 ta' Awwissu 2019,[69] tal-25 ta' Awwissu 2020,[70] u dik tat-30 ta' Diċembru 2020.

---

[66] Fol. 302.

[67] Ara r-risposta tas-7 ta' Awwissu 2019, fejn jagħmlu referenza għad-dikjarazzjoni illi: *"Il-Qorti tirriserva li tipprovdi ulterjorament dwar it-talba tal-konvenut sabiex tixhed Josephine Fenech <u>wara illi sew l-attur kif ukoll il-konvenuti jkumu ghalqu l-provi taghhom dwar it-talba fuq imsemmija</u>. Il-kawza qed tigi differita ghad-19 ta' April 2018 fid-9.00 sabiex il-perit legali zzomm seduti ghat-testimonjanza tal-konvenut Anthony Fenech, <u>kif ukoll ghall-provi tal-konvenut</u>, dejjem referibbli ghar-rikors fuq imsemmi"*, a fol. 302 – 303.

[68] Ara r-risposta fuq in-naħa ta' wara tat-tieni volum tal-proċess, *"sallum l-attur ghadnu ma glaqax il-provi tieghu (…) r-rikorrent m'hux biss ghadu sallum lanqas biss ghalaq il-provi tieghu u ghad baqalu xi xhieda xi jessaq, talli sallum ghadha ma ngabet l-ebda hjiel ta' prova illi b'xi mod jindika xi forma ta' relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-imsemmi defunt illi tista' tiggustifika tali taba. (…) il-Qorti tkun tista' tasal sabiex tiddeciedi dwar din it-talba, mhux iss ghandha tisma' x-xhieda tar-rikorrent izda wkoll ghadnha tisma l-provi tal-intimati".*

[69] Fol. 301, *"huwa ghadu sallum lanqas biss ghalaq il-provi tieghu dwar din it-talba u ghad baqalu xi xhieda xi jressaq; Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tal-attur hija wkoll intempestiva billi l-konvenuti ghandhom lanqas biss ghamlu l-kontro-ezami tax-xhieda imrssqa mill-attur u ghadhom lanqas biss bdew iressqu x-xhieda tagħhom".*

[70] Fol. 342, *"Illi r-rikorrenti ghandu anqas ghalaq il-provi tieghu u l-esponenti ghad iridu jaghmlu l-kontroezami tax-xhieda mressqa mir-rikorrenti, kief ukoll iressqu l-provi taghhom".*

Min-naħa l-oħra, il-Qorti dejjem ċaħdet it-talba tal-attur għall-kjarifika tal-parentela naturali, fejn dejjem kienet tal-fehma illi talba ta' din in-natura: (i) tirrikjedi li l-attur iressaq il-provi għaliex għandu l-oneru li jiprova ness bejnu u l-allegat missier,[71] (ii) tirrikjedi li l-attur jipprova sodisfaċentament il-probabilita' ta' relazzjoni intima bejn l-attur u l-mejjet,[72] u (iii) sabiex il-Qorti tipproċedi biex tipprovdi għal tali talba, l-attur għandu jipprovdi provi ċari u attendibbli.[73] Konsegwentament il-Qorti dejjem rrizervat illi tipprovdi fi stadju ulterjuri, fejn: (i) fid-digriet tal-4 ta' Awwissu 2014, irrizervat illi *"terga tikkonsidra talba simili wara li l-attur jaghlaq il-provi tieghu"*,[74] (ii) Fid-digriet tas-26 ta' Awwissu 2015, irrizervat *"li tipprovdi wara li l-attur ghadu fil-kors li jressaq provi fir-rigward"*,[75] u fid-digriet fil-15 ta' Ottubru 2019, irrizervatli terġa' tikkonsidra talba simili *"wara l-għeluq tal-provi kollha tal-partijiet"*.[76]

Fl-ewwel lok, il-Qorti tara illi jkun idoneju illi tevalwa l-*modus* proċedurali li ġie segwit f'kazijiet simili għal dak odjern, fejn intalab test ġenetiku abbazi tal-Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili u l-allegat missier kien mejjet. Għal tali fini, il-Qorti ser tikkonsidra mill-ġdid il-kaz ta' **Glenda Farrugia noe vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**. Din il-kawza jidher li ġiet ipprezentatata nhar is-16 ta' Diċembru 2004, u l-attriċi pprezentat rikors għall-ezumazzjoni u l-kjarifika tal-parentela naturali permezz tat-tehid ta' kampjun ġenetiku minn fuq il-mejjet, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti permezz ta' digriet 31 ta' Jannar 2007, f'liema stadju l-attriċi kienet għadha tressaq il-provi tagħha. Magħdud ma' dan, jirrizulta ukoll illi wara perjodu ta' zmien, l-attriċi resqet mill-ġdid talba għall-ezumazzjoni tal-mejjet u t-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu, liema talba ġiet milqugħa għat-tieni darba mill-Qorti nhar is-6 ta' Ottubru 2010, f'liema stadju l-partijiet kienu lanqas għadhom għalqu l-provi tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tara ukoll illi l-istess proċedura jidher li ġiet utilizzata ukoll f'kawzi oħra ta' filjazzjoni izda fejn l-allegat missier kien għadu ħaj.[77]

Magħdud mal-premess il-Qorti tara idoneju ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tagħmel referenza għas-sentenza Ewropeja **Mifsud vs Malta**, fejn l-applikant Mifsud ressaq l-ilment tiegħu illi *"the law failed to respect the equality-of-arms principle, both because of the timing of the order and on account of the weight accorded to such evidence".[78]* Il-Qorti hija konsapevoli illi fattispeċji tal-kaz ma humiex identiċi għal dawk odjerni, madanakollu fil-fehma tal-Qorti, l-ilment ta' Mifsud huwa pjuttost rilevanti għas-sitwazzjoni odjerna hekk kif fir-rigward tal-kwistjoni tat-*'timing of the order'*, il-Qorti Ewropeja rribadiet illi:

---

[71] Ara d-digriet tal-4 ta' Awwissu 2015, a fol. 118.
[72] Ara d-digriet tas-26 ta' Awwissu 2015.
[73] Ara d-digriet tal-15 ta' Ottubru 2019.
[74] Fol. 119.
[75] Ara fuq in-naħa ta' wara ta' volum numru tnejn (2) tal-proċess.
[76] Fol. 317.
[77] Ara fost oħrajn, is-sentenzi fl-ismijiet: **Abdilla vs Mifsud et** (299/2012RGM), deċiza fil-21 ta' Ġunju 2017.
[78] Ara paragrafu numru 68.

> *"The Court cannot agree that, as claimed by the applicant, the order was made at a stage when he had not yet been authorised to submit evidence. The Court notes that the Director of the Public Registry made his request to the court to order the relevant test on 11 February 2013. This was followed by the same request by X on 13 May 2013, after she had submitted all her evidence. At that stage the applicant had already filed his submissions in reply and put forward his defence – there was no procedural impediment on his putting forward his own affidavit, or any other relevant evidence. Nor was this a case where he had asked to submit evidence and been refused. On 22 May 2013 he objected to the test and some days later Y was cross-examined. It follows that both parties had had the opportunity to submit their evidence on equal grounds before the Civil Court (Family Section) until that point in the procedure. Moreover, in the present case, the Civil Court (Family Section) refrained from issuing the order at that stage, precisely in view of the applicant's arguments and his request to refer the matter to the constitutional jurisdictions – which request it upheld. Indeed, it was only after fully-fledged proceedings before the constitutional jurisdictions, at two instances, that the Civil Court (Family Section) ordered the test (on 18 October 2015), and as argued by the Government (see paragraph 53 above) and as appears from the facts (see paragraph 29 above), at that stage the applicant could still adduce other evidence or challenge the outcome of the test".*

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tara illi hi qatt ma pprekludiet lil xi parti milli titlob kjarifika tal-parentela naturali minħabba l-istadju li tinsab fih il-kawza, anzi jirrizulta illi kien hemm istanzi fejn tali test intalab fi stadju ferm bikri tal-azzjoni u l-Qorti aċċettat li dan isir. Għaldaqstant ma jidhirx li l-Qorti qatt ibbazat ruħha dwar il-fatt li l-partijiet iridu jagħlqu l-provi tagħhom jew trid tingħata raġuni valida sabiex tintalab u tiġi deċiza tali kwistjoni, u dan minħabba s-segwenti raġunijiet.

Fl-ewwel lok jiġi mfakkar illi Artikolu 70A tal-Kodiċi Ċivili ma jagħmel l-ebda referenza meta talba ta' din in-natura għandha ssir quddiem il-Qorti kompetenti. Lanqas ma ssir referenza għall-fatt jekk talba tistgħax issir wara li jiġi ppruvat illi tezisti raġuni valida u urġenti. B'hekk dan is-silenzju tal-leġizlatur jista' jitqies bħala forma ta' kunsens illi kull min ikollu dritt li jitlob il-kjarifika tal-parentela naturali jista' jagħmel dan f'kull waqt tal-kawza, u *di piu'* il-leġizlatur jagħti deskrizzjoni wiesgħa lill-Qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-talba skont iċ-ċirkostanzi tal-kaz in ezami. Fit-tieni lok jiġi mfakkar ukoll illi hekk kif ġie ribadit iktar 'il fuq, il-Qorti tara illi meta tilqa' talba simili, hija tkun moralment konvinta li t-talba tal-persuna in kwistjoni hija ġustifikata. Madanakollu, ma jistgħax ma jiġix sottolinejat illi l-Qrati tagħna huma tal-fehma illi *"r-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA, li hi meqjusa bhala l-aqwa prova, (…). Il-provi u x-xhieda l-ohra imressqa jkomplu jikkonfermaw u jikkorroboraw u jsahhu il-prova xjentifika".*[79]

---

[79] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Nicola Pejovic vs Romina Desira et**, (Rikors Numru 187/2013/1RGM), deċiza nhar is-26 ta' Marzu 2015. Fl-istess kuntest ara ukoll is-sentenzi fl-ismijiet **Diandra Sue Vella vs Michael Caruana**, (Rikors Numru 231/2013RGM), deċiza nhar is-26 ta' Marzu 2015, u **Mary Rose Spagnol vs Gaetano Azzopardi**, (Rikors Ġuramentat Numru 113/2013RGM), deċiza nhar it-2 ta' Lulju 2015.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tara illi l-attur ittenta diversi drabi sabiex jottjeni awtorizzazzjoni sabiex jipproċedi bit-test ġenetiku, madanakollu l-Qorti qatt ma ċaħdet tali talbiet minħabba l-fatt li tali talbiet ġew intavolati b'mod prematur, izda kienet tal-fehma li fis-sitwazzjoni odjerna ikun idoneju li jkompli jressaq iktar provi filwaqt li tirrizerva li tiddeċiedi din il-kwistjoni fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fil-fatt il-Qorti tissottolineja illi r-rikors tal-attur tad-9 ta' Lulju 2015 għadu pendenti. B'hekk ikun idoneju illi jiġi ppuntwalizzat illi f'dan l-istadju l-obbligu tal-attur kien wieħed, u ċjoe' li jressaq provi inekwivoċi dwar in-ness bejnu u l-allegat missier minħabba l-probabbli relazzjoni intima li ommu kellha mal-istess allegat missier. Barra minn hekk, għandu jiġi ċċarat ukoll illi minn eżami tal-atti jidher illi ma kien hemm l-ebda impediment fuq il-konvenuti milli jagħmlu s-sottomissjonijiet, jagħmlu l-kontro-ezamijiet, u jibdew iresqu l-provi tagħhom.[80]

Huwa minnu li l-Qorti fid-digrieti tagħha tat direzzjoni illi tikkonsidra talba simili wara li jingħalqu l-provi tal-attur, jew adirittura wara li jingħalqu l-provi tal-konvenuti – madanakollu tali direzzjoni ngħatat mill-Qorti tenut kont tas-sensittivita' tal-kaz u mhux għax kienet marbuta li tagħmel dan, hekk kif ġie spjegat iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-Qorti tissottolineja illi fi kwalunkwe kaz u ai termini tal-Artikolu 230 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha l-jedd li titbiegħed mid-digrieti preċedenti tagħha f'kaz li fil-fehma diskrezzjonali tagħha jkollha raġuni sewwa sabiex tagħmel dan.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-**<u>kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-konvenuti u kif ukoll tal-mejjet Tumas Fenech</u>**, u dan f'kaz illi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur sabiex isir test ġenetiku fil-kuntest odjern, jiġi mfakkar illi din il-Qorti ma tistgħax tikkumenta dwar il-ksur *o meno* tad-drittijiet tal-konvenuti u l-mejjet ġialadarba din il-Qorti ma għandhiex il-vesti neċessarji sabiex tindirizza, tevalwa u tiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Fil-fatt dan ġie kkonfermat riċentament mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cachia vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali**.[81] F'kaz illi l-konvenuti huma ta' din il-fehma, huma għandhom jutilizzaw ir-rimedji *ad hoc* disponibbli ai termini tal-liġi.

**Ikkunsidrat:**

---

[80] F'dan ir-rigward, *inter alia*, ara: (i) ir-risposti kollha tal-konvenuti, (ii) ix-xhieda ta' Philip Galea, a fol. 139; Mario Buttigieg, a fol. 143; Raymond Fenech, a fol. 264 et seq; Carmen Fenech, a fol. 273 et seq; u Anthony Fenech a fol. 286, fejn il-konvenuti dejjem għazlu li jirrispervaw il-kontro-ezami tagħhom, u (iii) il-verbal tat-22 ta' Ġunju 2017 fejn il-Qorti ddkjarat - *"Il-Qorti taghti lill-attur gimgha zmien millum sabiex b'nota notifikata lil kontro-partijiet, u lil Perit Legali jiddikjara ghadx ghandu provi u fl-affermattiv min huma x-xhieda li jonqos. F'kaz li l-attur m'ghandux iktar provi, jibdew iressqu l-provi taghhom il-konvenuti".*

[81] Deċiza nhar it-3 ta' Frar 2021.

Stabbilit s-suespost, u ċjoe' illi l-oġġezzjoni tal-konvenuti Fenech huma frivoli, mhux sostanzjali u bla bazi legali, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-provi kollha mressqa sa dan l-istadju sabiex jiġi determinat jekk l-attur irnexxielux jistabbilixxi ġustifikazzjoni ġusta għat-talba tiegħu.

Mill-atti jirrizulta illi l-attur ressaq diversi provi sabiex jistabbilixxi ness bejnu u l-allegat missier, u kif ukoll probabbli relazzjoni intima bejn ommu u l-imsemmi allegat missier. Dawn il-provi jikkonsistu fis-segwenti: (i) affidavit tal-attur stess,[82] (ii) xhieda tal-gwardjan tal-ħabs Philip Galea, ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2014,[83] (iii) xhieda ta' ħuħ Mario Buttigieg, ta' nhar is-16 ta' Ottubru 2014,[84] (iv) l-affidavit ta' Marisa Cassaripprezentat u maħluf nhar is-16 ta' Ottubru 2014, dwar it-test ġenetiku li saru fuqu u Mario Buttigieg,[85] (v) x-xhieda ta' iben il-mejjet Raymond Fenech ta' nhar it-3 ta' Frar 2016, 19 ta' Frar 2016 u 11 ta' April 2016,[86] (vi) ix-xhieda ta' bint il-mejjet Carmen Fenech ta' nhar id-9 ta' Mejju 2016,[87] (vii) ix-xhieda ta' iben il-mejjet Anthony Fenech, ta' nhar it-23 ta' April 2018,[88](viii) set ta ritratti tal-festin tal-Preċett tal-attur,[89] u (ix) ix-xhieda ta' Marisa Cassar ta' nhar l-24 ta' Novembru 2020 dwar it-test ġenetiku li saru fuq l-attur u ħutu kollha mnissla u mwielda matul iz-zwieġ ta' ommu ma' zewġha.[90]

Fil-fehma tal-konvenuti r-rikorsi tal-attur dwar din il-kwistjoni ġew miċħuda ripetutament stante illi l-attur naqas milli jġib provi rigward in-ness surreferit, b'mod partikolari dwar l-ezistenza ta' relazzjoni intima bejn omm l-attur u l-allegat missier. Il-konvenuti jikkontendu illi f'dan l-istadju *"l-unika prova "gdida" li ngabet huwa test genetiku tar-rikorrent imqabbel ma dawk l-ahwa l-ohra tieghu li fil-konfrnt taghhom ma kienx ghadu gie pprezentat test genetiku. (…) Illi ghalhekk din il-prova "gdida" ma tbiddel xejn minn nuqqa ta' effikacja tal-provi mressqa mir-rikorrent fir-rigward tat-talbiet tieghu, u dan peress illi tali prova, bhal provi l-ohra kollha mressqa mir-rikorrent, ma tissodisfax il-grad ta' prova indikat minn din il-Qorti fid-digrieti taghha f'din il-kawza sabiex tigi gustifikata it-talbiet odjerna".*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-verzjonijiet diverġenti tal-partijiet, tibda sabiex tirrileva illi *"Kull gudikant hu fl-obbligu li jiddeciedi iuxta allegata et probata u fuq ir-rizultanzi fattwalment provati. [App.S Vol.LXXIV.II.869]. "Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant jemminix l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc ta'*

[82] Fol. 124.
[83] Fol. 139.
[84] Fol. 143.
[85] Fol. 135.
[86] Fol. 264, 266, 271.
[87] Fol. 273, 279.
[88] Fol. 286.
[89] Fol. 289.
[90] Fol. 393.

*probabbiltajiet, sostratt baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli" [PA* ***George Bugeja v. Joseph Meilak****, deciza 30 ta' Ottubru 2003]".*[91] Għaldaqstant fil-kaz odjern, in-ness li jrid jipprova l-attur sabiex jiġġustifika t-talba tiegħu, għandu jkun ppruvat permezz ta' ġbir ta' provi li meta mehuda flimkien jaslu sabiex moralment jikkonvinċu lil min jiġġudika illi t-talba kif dedotta għandha tiġi milqugħa.

Jiġi kkonfermat illi mill-aħħar digriet tal-Qorti ta' nhar l-1 ta' Settembru 2020, l-attur ressaq biss ix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar fejn ikkonfermat illi *"Victor Buttigieg mhuwiex tal-istess missier ta' Mario Buttigieg, Joseph Buttiegieg u Amabie Buttigieg",*[92] u pprezentat ukoll rizultat ta' test ġenetiku li jghid *"in conclusion, the data indicates that Joseph Buttigieg, Amabile Buttigieg, Roseanne Caruana and Mario Buttigieg have the same biological father. Victor Buttigieg has a different biological father"*.[93] Fil-fehma tal-Qorti dan ir-rizultat pprezentat riċentament mill-attur jistabbilixxi illi l-paternita' tal-attur hija differenti minn dik ta' ħutu kollha, *ergo* omm l-attur kellha ċertament u mingħajr ebda xrara ta' dubju relazzjoni intima ma' persuna oħra oltre zewġha, minn liema relazzjoni intima twieled l-attur. Ir-rizultat ġenetiku ġġenerat wara t-tehid tal-kampjun ġenetiku tal-attur u ħuh Mario Buttigieg ma kienx bizzejjed fiċ-ċirkostanzi għaliex il-Qorti ma kellhiex il-konkretezza jekk kienx hemm xi ħadd ieħor mill-aħwa li jaqsam l-istess DNA mal-attur. Kieku dan kien il-kaz, kien jitqajjem dubju raġenovoli fil-Qorti għaliex l-attur qiegħed jittenta jagħmel kawza bħal din odjerna kontra eredi ta' mejjet partikolari, filwaqt li l-ieħor le.

Fir-rigward ta' din il-prova ġdida, il-konvenuti jikkontendu illi *"Prova li r-rikorrent u hutu mhumiex ulied tal-istess missier ma juri bl-ebda mod, lanqas fuq bazi ta' probabilita, l-ezistenza ta' relazzjoni intima bejn omm ir-rikorrent u ragel partikolari"*. Il-Qorti taqbel parzjalment ma' din is-sottomissjoni għaliex dan ir-rizultat waħdu verament ma jagħtix konferma li omm l-attur kienet infidila lejn zewġha proprju mal-mejjet Tumas Fenech, izda l-Qorti ma għandhiex tiddeċiedi dan ir-rikors abbazi tal-aħħar prova biss. Din il-prova tat-test ġenetiku ma' ħut l-attur, ma tistgħax tittiehed f'kuntest izolat, anzi għandha tingħata piz probatorju fil-kuntest tal-provi kollha l-oħra mresqa.

Stabbilit illi l-attur biss minn ħutu kollha għandu paternita' differenti, il-Qorti għandha l-obbligu li tara jekk mill-provi li għandha quddiemha tasalx għall-konvinċiment morali dwar jekk ir-relazzjoni intima extra-matrimonjali li kellha omm l-attur, setgħatx kienet proprju mal-mejjet

[91] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elena Mallia pro et noe vs Charles Sant Fournier et**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Frar 2014 (App 441/2007/1).
[92] Fol. 392.
[93] Fol. 393 – 394.

Tumas Fenech. Permezz tal-affidavit tiegħu, l-attur jirrileva illi huwa kellu d-dubju tiegħu dwar il-paternita' u dan abbazi tal-fatt kif ommu kienet tieħu magħha lilu biss sabiex jaraw lil Tumas, u kif ukoll minħabba kif Tumas Fenech kien jitrattah. L-attur jirrileva ukoll illi l-festin tal-preċett kien ġie mħallas minn Tumas Fenech, liema informazzjoni ġiet mgħoddija lilu minn għand ommu. Fir-rigward ta' dan il-festin, l-attur jipprezenta erba' (4) ritratti fejn jgħid illi f'tali ritratti jidhru li kienu prezenti għall-imsemmi festin, mart il-mejjet u kif ukoll uliedu l-bniet Carmen u moira Fenech.[94] Barra minn hekk u meta l-attur għalaq tmintax-il (18) sena, l-attur jgħid illi Tumas Fenech kien xtralu karozza Honda Civic ġdida u rreġistrata fuq ismu stess. L-attur jgħid li kulma jmur dejjem kien qed ikollu d-dubji dwar il-paternita' tiegħu, izda meta kkonfronta lil ommu dwar dan, huwa jgħid li din qaltlu sabiex joqgħod kwiet u ma jaqlax inkwiet għaliex magħha ma kien jonqsu xejn. Jgħid ukoll illi meta ommu kienet fi stat ħazin ta' saħħa, din kienet eventwalment ikkonfessat miegħu illi missieru naturali kien verament Tumas Fenech. Sabiex jikkorrabora l-verzjoni tiegħu, l-attur ressaq ix-xhieda tal-gwardjan tal-ħabs Philip Galea li dak iz-zmien kien qiegħed jakkumpanja lill-attur ġewwa l-isptar mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li jikkonferma li sema' lil omm l-attur tgħid illi missieru naturali huwa Tumas Fenech. Barra minn hekk ressaq ukoll ix-xhieda ta' ħuh Mario Buttigieg li kkonferma li n-nies kienu jitkellmu dwar il-fatt li *"ommok tigri ma' Tumas u hekk, qisha speci tkun mieghu spiss"*, filwaqt li jikkonferma li jiftakar lil Tumas dieħel u ħiereġ id-dar tagħhom kwazi kuljum, *"qisha d-dar tiegħu"* għal ħafna snin u dan waqt li missierhom kien ikun xogħol.

Il-konvenuti huma tal-fehma illi *"l-attur qieghed jibbazza t-talba tieghu eskluzivament fuq allegat tfesfis f'widnejn l-attur minn ommu fil-punt tal-mewt taghha"* u dan mingħajr ma jagħtu piz lix-xhieda tagħhom stess, senjatament ix-xhieda ta' Raymond, Carmen u Anthony, aħwa Fenech – liema xhieda fil-fehma tal-Qorti huma kruċjali għal dan l-istadju. Il-Qorti tara illi:

i. Fix-xhieda tiegħu, Raymond Fenech jikkonferma li:

a. Jaf min hi omm l-attur hekk kif sar jafha xi zmien wara l-1972 meta nfetħet ix-*showroom* ta' Ħal-Qormi;[95]

b. Missieru ma kienx it-tip ta' persuna li jitkellem fuq affarijiet privati, ezempju jekk qattx xtara rigali lil xi ħadd;[96]

c. Ma għandux *half-brothers* jew *half-sisters*;[97]

d. Ħadd qatt ma kien ressaq pretensjoni bħal dik tal-attur;[98]

---

[94] Dan ġie kkonfermat ukoll mill-aħwa Fenech fix-xhieda tagħhom.
[95] Fol. 265.
[96] Fol. 264.
[97] Fol. 267.
[98] *Ibid.*

e. Jiċħad il-pretensjonijiet tal-attur għaliex huwa trabba f'familja magħmula mill-ġenituri tiegħu u seba' aħwa, li minnha l-attur ma kienx parti;[99]

f. Jaf li ħuh Anthony (Ninu) qabel ma bdiet din il-kawza, kien ġieli ltaqa' mal-attur f'xi ħanut tat-te ġewwa n-Naxxar, hekk kif l-attur ta' spiss kien javviċina lil Ninu b'messaġġi dwar il-pretensjonijiet odjerni tiegħu.[100]

ii. Fix-xhieda tagħha, Carmen Fenech tikkonferma illi:

a. Taf min hi omm l-attur bħala waħda mis-sensara li jikkollaboraw ma' missierha;[101]

b. Ma tistgħax taħlef dwar jekk missierha ma kellux wild ieħor, izda tgħid li dwar dan ma taf xejn;[102]

c. Missierha kien raġel ta' qalb kbira li għamel ħafna karita' u jagħti ħafna affarijiet b'xejn, izda dan ma jfissirx illi kull min kien jirċievi għotja minngħandu kien ibnu;[103]

d. Ħadd ma ressaq pretensjoni bħal dik tal-attur u ma għandha l-ebda suspett li l-pretensjonijiet tal-attur huma minnhom;[104]

e. Għandha diffikulta' illi missierha jiġi ezumat mill-qabar u dan anke a skapitu tal-verita'.[105]

iii. Fix-xhieda tiegħu, Anthony Fenech jikkonferma illi:

a. Ilu jaf lill-attur madwar erbgħa jew ħames snin, u dan kemm ilu jmur jieħu kafe' min-Naxxar;[106]

b. Jaf lill-omm l-attur bħala sensara;[107]

c. Jista' jkun illi lill-attur kien jafu minn qabel ma ġiet intavolata din l-azzjoni;[108]

---

[99] Fol. 268.
[100] Fol. 272.
[101] Fol. 273.
[102] Fol. 280.
[103] *Ibid.*
[104] *Ibid.*
[105] *Ibid.*
[106] Fol. 268.
[107] *Ibid.*
[108] *Ibid.*

d. L-ewwel darba li sema' li l-attur kien qiegħed isostni li huwa iben Tumas Fenech kien minngħand diversi nies ġewwa n-Naxxar, izda huwa qies tali bħala għajdut fil-vojt;[109]

e. Iddiskuta ma' ħutu dwar il-pretensjonijiet tal-attur, u ftehmu li jħalluh jgħid li jrid umbagħad jaraw flimkien kif jipproċedu;[110]

f. Jiċħad l-allegazzjonijiet tal-attur.[111]

Wara li l-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal-provi kollha, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi t-talba tal-attur hija ġustifikata. Jibda sabiex jingħad illi ma hemm l-ebda dubju illi omm l-attur u l-mejjet kienu jikkollaboraw flimkien fuq xogħol, madanakollu l-Qorti ma tinsabx konvinta illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet waħda limitatatament lavorattiva. Huwa sgradevoli li l-konvenuti jittentaw jiskreditaw il-konfessjoni ta' omm l-attur fis-sodda tal-mewt tagħha, u dan meta din il-verzjoni tinsab ikkorraborata minn Philip Galea. Il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex ma temminx il-verzjoni ta' Philip Galea, uffiċċjal tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, li huwa kompletament estranju għall-proċeduri odjerni. Għaldaqstant u minkejja l-fatt li l-konvenuti jittentaw jiskreditaw ukoll il-verzjoni ta' Philip Galea meta mqabbla ma' dik tal-attur, il-Qorti tqis illi l-fulkrum tax-xhieda hija l-istess u ċjoe' li omm l-attur kkonfessat li l-missier naturali tal-attur ma huwa ħadd ħlief Tumas Fenech. Magħdud ma' dan, ħu l-attur jkompli jikkonferma illi Tumas Fenech kien dieħel u ħiereġ id-dar tagħhom, liema komportament baqa' għaddej għal perjodu ta' zmien twil.

Min-naħa l-oħra, l-Qorti tara li mill-verzjoni tal-konvenuti joħorġu diversi karatteristiċi tal-mejjet Tumas Fenech, senjatament illi kien persuna privata izda ġeneruz u jħobb jgħin lil batut. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi, il-Qorti tkompli tifhem illi ġialadarba l-mejjet kien riservat, ma kienx juri u jgħid kollox lil familtu, bħal per ezempju l-possibilita' li jkollu relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara mizzewġa. Fir-rigward tal-ġenerozita` tal-mejjet, Carmen Fenech tagħti x'tifhem illi missierha kienet l-għaxqa tiegħu jgħin lil min kien fil-bzonn, izda tikkontendi illi kull min ġie mgħejun minn missierha ma kienx l-iben naturali tiegħu. Madanakollu l-Qorti sibha ferm inverosimili illi persuna tagħti flus u ċikkulata kull darba li tara iben kollaboratriċi tax-xogħol, u barra minn hekk illi l-istess persuna tagħti lill-iben tal-istess kollaboratriċi tax-xogħol karozza ġdida f'għeluq it-tmintax-il sena tiegħu, u kif ukoll li ħallaslu għall-festin tal-preċett ġewwa lukanda, għal liema festin attendew fost oħrajn mart il-mejjet u uliedu l-bniet. Dan it-tip ta' aġir ma jurix sempliċiment relazzjoni lavorattiva, hekk kif tali kompartament normalment isir mill-ġenituri u mhux minn kollegi tax-xogħol. Għaldaqstant il-Qorti ssib illi d-dubji li kellu l-attur dwar il-paternita' tiegħu kienu ġustifikati. Barra minn hekk, kieku omm l-attur ma kellhiex

[109] Fol. 287.
[110] *Ibid.*
[111] *Ibid.*

x'taħbi, il-Qorti ma tarax għalfejn omm l-attur kellha tgħid lil binha sabiex joqgħod kwiet u ma jaqlax inkwiet hekk kif stqarr magħha d-dubji tiegħu dwar il-paternita'.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tanalizza ukoll illi fix-xhieda tagħhom l-aħwa Fenech jikkonfermaw illi kien hemm diversi għajdut dwar il-paternita' tal-attur – liema għajdut il-konvenuti għazlu li jinjoraw. Jirrizulta ukoll illi huma għazlu illi jinjoraw ukoll lill-attur qabel ma pproċeda bil-kawza odjerna, hekk kif ġie kkonfermat illi l-attur kien ta' sikwit javviċina lil Anthony Fenech dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Il-konvenuti jikkonfermaw ukoll li ma għandhom l-ebda dubju dwar il-fatt li l-attur ma huwiex il-wild naturali ta' missierhom. Minkejja tali ċertezza dwar il-paternita' tal-attur, huma joġġezzjonaw bil-qawwa illi jsir xi tip ta' test ġenetiku fuqhom jew fuq il-mejjet, u dan anke jekk in-nuqqas ta' test ġenetiku jkompli jistorr il-verita' dwar l-identita' bijoloġika tal-attur. Il-Qorti ma tistgħax taħbi l-izbalordita' tagħha dwar din il-pozizzjoni mehuda mill-konvenuti Fenech, in vista tal-fatt illi kieku l-konvenuti kienu daqstant ċerti u konvinti minn dak li qed jgħidu, ma tarax illi kieku għandu jkollhom problema li jissottomettu rwieħhom għall-imsemmi test ġenetiku u/jew li ssir l-ezumazzjoni ta' missierhom.

Huwa idoneju li f'dan il-kuntest issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elena Mallia pro et noe vs Charles Sant Fournier et**,[112] fejn ġie ritenut illi meta jkun hemm nuqqas ta' kunsens sabiex isiru t-testijiet ġenetiċi, jew l-ezumazzjoni ta' persuna mejta, *"ghalkemm ma jistax jigi validament inferit li r-rifjut da parti ta' dawn jekwivali ghal xi ammisssjoni da parti taghhom tat-tezi attrici, minn naha l-ohra jista' jaghti lok ghall-inferenza li lanqas il-konvenuti stess ma huma konvinti li t-tifel mhux il-wild naturali ta' Charles Sant Fournier".* B'applikazzjoni tal-insenjament appena ċitat għall kaz odjern, jista' faċilment jiġi dedott illi l-konvenuti huma altru milli ċerti dwar il-paternita' bijoloġika tal-attur, izda tezisti l-possibbilita' li jinsabu maħkuma minn biza' li jaffaċċjaw il-possibilita' li l-attur jaqsam id-DNA tagħhom.

Il-Qorti tara illi l-konvenuti jirritjenu illi *"talba bhalma hija dik tar-rikorrenti hija serja u thalli konsegwenzi emozzjonali kbar illi ma tistax tigi akkolta frivolosament u b'mod legger minghajr ma jkun hemm raguni valida u bsahhitha illi b'xi mod tiggustifika tali talba, liema raguni trid tinstab fil-fatti migjba quddiem din l-Onorabbli Qorti. Altrimenti nasslu ghall-assurd illi persuni jibdew jivvantaw parenteli mal-mejtin ghall-iskopijiet u interessi taghhom inkluz sabiex jirrikattaw familjari tal-mejtin li jkunu ghaddejjin minn taqlib emozzjonali kbir semplicement bl-allegazzjoni maghmula"*.[113] Fil-fehma tal-Qorti din hija r-raġuni wara l-probabbli biza' tal-konvenuti. Madanakollu, fix-xhieda tal-aħwa Fenech jirrizulta kkonfermat illi din kienet l-unika darba li ġew affaċjati bi pretensjonijiet bħal dawk odjerni, u ma kien hemm ħadd iktar illi qatt avviċinahom jew *'irrikattahom'* bl-intiza li jieħu vantaġġ mill-familja Fenech. B'hekk il-Qorti ma tarax illi t-talba tal-attur hija b'xi mod inġenwina, malizzjuza jew ta'

[112] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Frar 2014 (App 441/2007/1).
[113] Fol. 116.

rikatt, u f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta zgur mhux forsi ma tkunx *"komplici ma tali nies illi jipprovaw jisfruttaw u jabbuzaw mill-mument u sitwazzjoni ta' djufija tal-familjari tad-defunti, billi tagħmilha semplici illi jigi vjolat is-sit illi jirrapprezenta l-memorja tal-persuni midfuna fih kif ukoll il-fdalijiet tal-istess"*.[114]

Fid-dawl tal-premess u in vista tal-fatt illi l-oġġezzjoni tal-konvenuti għat-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2020, ma ġewx kondivisi minn din il-Qorti, din tal-aħħar hija tal-fehma illi fl-ewwel lok l-attur irnexxielu jerradika l-prezunzjoni legali maħluqa abbazi l-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentament irnexxielu ukoll moralment jikkonvinċi lill-Qorti illi l-intenzjoni tiegħu hija ġenwina u li jinsab ukoll ness bejnu u l-allegat missier, u dan stante probabbli relazzjoni intima bejn ommu u l-imsemmi allegat missier.

Barra minn hekk u wara li l-Qorti rat mill-ġdid l-atti kollha tal-azzjoni odjerna, il-Qorti hija ukoll moralment konvinta illi l-opposizzjoni tal-konvenuti Fenech hija bbazata fuq il-biza' ta' skoperta skomda li jistgħu jiġu rinfaċċjati biha. Il-Qorti ssib ferm straordinarju u preokkupanti kif il-konvenuti Fenech ma jridux b'mod volontarju jagħtu l-kunsens tagħħhom sabiex jittiehed kampjun ġenetiku minn għandhom, liema test ma huwiex invaziv.

Għaldaqstant u tenut kont tal-fatt li: (i) it-talba oriġinali tal-attur fir-rikors promotur tiegħu kienet proprju li ssir l-ezumazzjoni tal-mejjet u t-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu, (ii) f'din il-kawza mhux ser jinstab lok għal kompromess, u (iii) mill-andament li għaddeja bih din il-kawza jidher ċar ukoll illi s-sitwazzjoni tista' tkompli tiggrava, il-Qorti tara illi f'dan l-istadju għandha tordna l-ezumazzjoni tal-mejjet u t-tehid ta' kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu. B'hekk u tenut kont ukoll tal-aħħar zviluppi kif elenkati fil-proċess ta' din il-kawza, u illi fi kwalunkwe kaz ir-rizultanzi ta' test ġenetiku jikkostitwixxi prova reġina f'kazijiet ta' paternita', il-Qorti temmen illi huwa opportun li titbiegħed mid-digrieti preċedenti tagħha u tilqa' t-talba tal-attur fis-sens illi f'dan l-istadju għandha tiġi segwita l-proċedura tal-ezumazzjoni tal-mejjet sabiex jittiehed kampjun ġenetiku mill-fdalijiet tiegħu.

Il-Qorti tara illi dan id-digriet għandu ukoll japplika għar-rikors tal-attur tad-9 ta' Lulju 2015, liema rikors għadu pendenti, sabiex b'hekk il-kwistjoni rigward il-kjarifika tal-parentela naturali tal-attur tkun ġiet deċiza b'mod assolut minn din il-Qorti".

9. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Fenech li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti jogħġobha:

[114] *Ibid.*

> "i. tiddikjara d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-8 ta' Ġunju 2021 mogħti fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Victor Buttigieg vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et null u konsegwentement tordna t-tħassir tiegħu, jew
>
> ii. tirrevoka contrario imperio d-digriet imsemmi għar-raġunijiet mogħtija f'dan l-appell".

10. Rat ir-risposta tal-attur li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti Fenech.

11. Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, iddikjara illi:

> "…filwaqt li l-esponent iżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu li huwa m'għandux jinżamm responsabbli għall-ispejjeż ta' din il-kawża, jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-appell magħmul mill-appellanti Fenech".

12. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

13. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

14. F'din il-kawża l-attur Victor Buttigieg qed jitlob dikjarazzjoni li hu iben il-mejjet Tumas Feneh. L-attur ressaq xi provi li juru, skont hu, li hu iben din il-persuna, fosthom stqarrija minn ommu fuq is-sodda tal-mewt tagħha li missieru hu Tumas Fenech. L-attur talab biex ikun hemm l-

eżumazzjoni tal-ġisem ta' Tumas Fenech sabiex isir it-test ġenetiku u jiġi aċċertat definittivament b'mod xjentifiku jekk dan Tumas Fenech huwiex missieru jew le.

15. L-ewwel Qorti wara li rat li, skont il-liġi, kulħadd għandu dritt jipprova l-paternita` tiegħu, u li rimedju bħal dak mitlub ġieli ngħata mill-qrati tagħna, laqgħat it-talba u ordnat l-eżumazzjoni tal-ġisem ta' Tumas Fenech.

16. Il-konvenuti Fenech appellaw minn dan id-digriet u jilmentaw illi ma hux legalment permess għall-qrati tagħna li jagħtu provvediment kif ingħata f'dan il-każ, u wkoll illi l-provvediment huwa, f'kull każ, intempestiv għax qabel xejn kellha tiġi deċiża l-eċċezzjoni numru tlieta tagħhom bażata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 81(1) tal-Kodiċi Ċivili.

17. Din il-Qorti tqis li għandha titratta dan l-aħħar ilment l-ewwel għax jekk għandha mis-sewwa, allura jsegwi li verament il-provvediment impunjat huwa intempestiv. L-Artikolu 81(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi kif ġej:

> "*<u>Ħadd</u> ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*"
> (Sottolinear ta' din il-Qorti)

18. Jirriżulta f'dan il-każ li l-att tat-twelid tal-attur, li twieled fid-9 ta' Settembru fl-1972 juri li hu iben Anthony Buttigieg, ir-raġel ta' Emanuela Buttigieg *neé* Zammit. Jingħad ukoll li ġie mrobbi mill-ġenituri tiegħu bħala l-wild naturali tagħhom. Maż-żmien beda jkollu suspetti dwar li missieru seta' kien Tumas Fenech u talab li hu u ħuh jagħmlu testijiet ġenetiċi dwar il-missier. Minn dan it-test, maħruġ fit-8 ta' Ottubru, 2012, irriżulta li l-attur u ħuh "*ma għandhomx l-istess missier*". L-attur baqa' bis-suspett sakemm, fl-aħħar, fuq is-sodda tal-mewt tagħha, ommu qaltlu li missieru hu Tumas Fenech.

19. Il-punt li jrid jiġi deċiż, huwa jekk, bħala fatt, l-attur kellux, fi żmien rilevanti, il-pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid tiegħu. Dan huwa importanti għax jekk dan jirriżulta, allura l-istat tal-attur ma jista' jinbidel minn <u>ħadd</u>, jgħidu x'jgħidu r-riżultati tat-testijiet ġenetiċi (ara "<u>**Parnis v. Farrugia**</u>", deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 2022). Il-liġi fl-Artikolu 81(1) hija ċara u ma tħallix lok ta' interpretazzjoni.

20. Isegwi li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi dik it-tielet eċċezzjoni qabel ma tordna l-eżumazzjoni tal-ġisem ta' Tumas Fenech, għax jekk jirriżulta l-fatt ta' pussess ta' stat li jaqbel mal-att ta' twelid, il-każ ikollu jieqaf hemm. Mhux f'lokha dikjarazzjoni tal-paternita` tal-attur *in vacuo* u mhux marbuta ma' bidla fl-att ta' twelid. L-attur ma jistax jiġi dikjarat li missieru hu Tumas Fenech, iżda fuq l-att ta' twelid jibqa' jidher li hu iben Anthony

Buttigieg. Ir-riċerka tal-paternita` jrid ikollha utilita` aħħarija, u biex dan iseħħ trid tintlaqa' wkoll bidla fl-att ta' twelid. Jekk dan tal-aħħar ma jistax isir, tkun vessatorja dikjarazzjoni ta' paternita` fl-arja.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti Fenech billi tilqa' l-istess, tħassar u tikkanċella l-provvediment / digriet li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ġunju, 2021, u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex, f'dan l-istadju, tisma' l-provi u tiddeċiedi fuq it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Fenech qabel ma tkun ikkonsidrata t-talba tal-attur għall-eżumazzjoni tal-ġisem ta' Tumas Fenech.

L-ispejjeż marbutin ma' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm